BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA

# Kontijiet Annwali

## 2016

**Rapport amministrattiv għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016** **2**

**Rendikonti finanzjarji tal-BĊE** **18**

Karta tal-Bilanċ tal-31 ta' Diċembru 2016 18

Kont tal-Qligħ u t-Telf għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016 20

Politika tal-kontabilità 21

Noti fuq il-Karta tal-Bilanċ 29

Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ 46

Noti fuq il-Kont tal-Qligħ u t-Telf 49

**Rapport tal-awditur** **56**

**Nota fuq it-tqassim tal-qligħ / l-allokazzjoni tat-telf** **60**

# Rapport amministrattiv għas-sena li għalqet fil-31 ta’ Diċembru 2016

## 1 Għan tar-rapport amministrattiv tal-BĊE

Il-BĊE huwa parti mill-Eurosistema, li għandha l-għan ewlieni li żżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Il-kompiti ewlenin tal-BĊE, kif imfissrin fl-Istatut tas-SEBĊ, jiġbru fihom l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni Ewropea, it-tmexxija ta’ operazzjonijiet tal-kambju, il-ġestjoni tar-riżervi barranin uffiċjali tal-pajjiżi taż-żona tal-euro u l-promozzjoni tat-tħaddim bla xkiel tas-sistemi ta’ ħlas.

Barra minn hekk, il-BĊE huwa responsabbli għall-funzjonament effikaċi u konsistenti tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) bil-għan li ssir superviżjoni bankarja intrużiva u effettiva li tikkontribwixxi għas-sigurtà u s-solidità tas-sistema bankarja u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

Minħabba li l-attivitajiet u l-operazzjonijiet tal-BĊE jsiru biex isostnu l-għanijiet tal-politika tiegħu, ir-riżultat finanzjarju tiegħu għandu jittieħed flimkien mal-azzjonijiet tal-politika tiegħu. F’dan ir-rigward, ir-rapport amministrattiv huwa parti integrali mill-Kontijiet Annwali tal-BĊE billi jipprovdi lill-qarrejja b’tagħrif kuntestwali fuq in-negozju tal-BĊE u l-impatt tal-attivitajiet u l-operazzjonijiet ewlenin tal-BĊE fuq id-dikjarazzjonijiet tiegħu dwar ir-riskji u r-rendikonti finanzjarji.[1]

Barra minn hekk, dan ir-rapport jipprovdi tagħrif fuq ir-riżorsi finanzjarji tal-BĊE kif ukoll fuq il-proċessi ewlenin relatati mal-produzzjoni tar-rendikonti finanzjarji tiegħu.

## 2 Proċessi u funzjonijiet ewlenin

Il-proċessi interni tal-BĊE jiggarantixxu l-kwalità u l-preċiżjoni tat-tagħrif inkluż fir-rendikonti finanzjarji tiegħu. Barra dan, għadd ta’ funzjonijiet ewlenin huma involuti fl-implimentazzjoni ta’ deċiżjonijiet tal-politika li għandhom influwenza sinifikanti fuq iċ-ċifri rappurtati.

### 2.1 Kontrolli fi ħdan l-unitajiet organizzattivi

Fi ħdan l-istruttura ta’ kontroll intern tal-BĊE, kull qasam tax-xogħol huwa responsabbli għall-ġestjoni tar-riskji operazzjonali tiegħu u għall-implimentazzjoni ta’ kontrolli biex jiżgura l-effikaċja u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tiegħu u l-eżattezza tat-tagħrif li jidħol fir-rendikonti finanzjarji tal-BĊE. L-oqsma tax-xogħol individwali

[1] “Ir-rendikonti finanzjarji” jiġbru fihom il-Karta tal-Bilanċ, il-Kont tal-Qligħ u t-Telf u n-noti marbutin magħhom. Il-“Kontijiet Annwali” jinkludu r-rendikonti finanzjarji, ir-rapport amministrattiv, ir-rapport tal-awditur u n-nota fuq it-tqassim tal-qligħ/l-allokazzjoni tat-telf.

huma wkoll primarjament responsabbli u jridu jagħtu rendikont tal-implimentazzjoni tal-baġit.

## 2.2 Proċessi baġitarji

It-Taqsima Baġit u Kontroll (BCO) tad-Direttorat Ġenerali Finanzi tiżviluppa, tħejji u tissorvelja l-baġit skont il-prijoritajiet strateġiċi stabbiliti mill-Kunsill Governattiv u l-Bord Eżekuttiv. Dawn il-kompiti jsiru bil-kooperazzjoni tal-oqsma tax-xogħol, filwaqt li jiġi applikat il-prinċipju ta' separazzjoni.[2] It-Taqsima BCO tipprovdi wkoll l-ippjanar u l-kontroll tar-riżorsi, tanalizza l-benefiċċji u n-nefqa, u teżamina l-investiment fi proġetti tal-BĊE u tikkontribwixxi għal dawn il-proċessi fi proġetti tas-SEBĊ skont l-oqfsa miftiehma. In-nefqa skont il-baġits miftiehma tiġi sorveljata regolarment mill-Bord Eżekuttiv, li jqis il-parir tat-Taqsima BCO taħt il-gwida tal-Kap Uffiċjal għas-Servizzi (CSO), u mill-Kunsill Governattiv bl-għajnuna tal-Kumitat tal-Baġit (BUCOM). Skont l-Artikolu 15 tar-Regoli ta' Proċedura tal-BĊE, il-Kumitat BUCOM jgħin lill-Kunsill Governattiv billi jevalwa l-proposti tal-baġit annwali tal-BĊE u t-talbiet tal-Bord Eżekuttiv għal fondi supplimentari tal-baġit, qabel ma jiġu preżentati lill-Kunsill Governattiv għall-approvazzjoni.

## 2.3 Ġestjoni tal-portafolli

Il-BĊE għandu titoli denominati f'euro għall-għanijiet tal-politika monetarja, akkwistati fl-ambitu tal-Programm tas-Swieq tat-Titoli (SMP), il-programm ta' xiri ta' titoli koperti b'assi (ABSPP), il-programm ta' xiri mis-settur pubbliku (PSPP) u t-tliet programmi ta' xiri ta' bonds garantiti (CBPPs).[3] L-għan tal-programmi tal-akkwist[4] huwa li jkomplu jiffavorixxu l-kundizzjonijiet monetarji u finanzjarji, u b'hekk jgħinu biex ir-rati tal-inflazzjoni jerġgħu lura għal livelli taħt iżda qrib 2% għal żmien medju. L-akkwisti f'dawn il-programmi huma bażati fuq id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Governattiv dwar ix-xiri globali ta' kull xahar tal-Eurosistema u huma suġġetti għal kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti bil-quddiem.

Barra minn hekk, il-BĊE għandu portafoll tar-riżervi barranin, magħmul minn dollari Amerikani, yen Ġappuniżi, deheb u drittijiet speċjali ta' kreditu (SDR), kif ukoll portafoll tal-investiment tal-fondi proprji denominat f'euro.

L-għan tar-riżervi barranin tal-BĊE huwa li jiffinanzjaw interventi potenzjali fis-suq tal-kambju. Dan l-għan jistabbilixxi l-għanijiet ta' livell għoli tal-ġestjoni tal-portafoll, li huma, f'ordni ta' prijorità, il-likwidità, is-sigurtà u r-redditu. L-investiment tar-riżervi barranin tal-BĊE jiġi amministrat minn funzjoni tal-ġestjoni ċentrali tar-riskju filwaqt li

---

2 Il-prinċipju ta' separazzjoni jirreferi għar-rekwiżit stipulat fir-Regolament MSU li l-BĊE għandu jwettaq il-kompiti superviżorji tiegħu bla ħsara u b'mod separat mill-kompiti tiegħu relatati mal-politika monetarja u kompiti oħra.

3 Il-BĊE m'għandux assi akkwistati fil-programm ta' xiri mis-settur korporattiv (CSPP), li beda fit-8 ta' Ġunju 2016. L-akkwisti fis-CSPP isiru minn sitt banek ċentrali nazzjonali f'isem l-Eurosistema.

4 Bħalissa l-BĊE qiegħed jakkwista titoli fit-tielet programm CBPP, fl-ABSPP u fil-PSPP. L-akkwisti fl-ewwel żewġ programmi CBPP u fl-SMP intemmu.

l-operazzjonijiet ta' investiment jsiru b'mod deċentralizzat. Għall-portafolli tad-dollaru Amerikan u l-yen Ġappuniż, il-Kunsill Governattiv jiddeċiedi fuq portafoll b'*benchmarks* strateġiċi, wara proposta mill-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju tal-BĊE. Imbagħad, il-maniġers tal-portafolli tal-BĊE joħolqu l-portafolli b'*benchmarks* tattiċi. Skont dawn il-portafolli, il-pożizzjonijiet attwali jiġu implimentati mill-maniġers tal-portafolli fil-banek ċentrali nazzjonali.

L-għan tal-portafoll tal-fondi proprji tal-BĊE b'assi denominati f'euro huwa li jipprovdi dħul li jgħin fil-finanzjament tal-ispejjeż tal-operat tal-BĊE li m'għandhomx x'jaqsmu mat-twettiq tal-kompiti superviżorji tiegħu.[5] F'dan ir-rigward, l-għan tal-ġestjoni tal-portafoll tal-fondi proprji huwa li jimmassimizza r-renditi, suġġett għal għadd ta' limiti tar-riskju.

Barra dan, fondi relatati mal-iskemi tal-pensjoni tal-BĊE jiġu investiti f'portafoll b'ġestjoni esterna.

## 2.4 Funzjonijiet ta' sorveljanza għar-riskju finanzjarju

Id-Direttorat Ġestjoni tar-Riskju tal-BĊE jipproponi politika u proċeduri li jiggarantixxu livell xieraq ta' ħarsien kontra r-riskji finanzjarji għall-BĊE fejn jidħlu l-portafolli tiegħu tat-titoli tal-politika monetarja, il-portafoll tar-riżervi barranin u l-portafoll tal-investimenti tal-fondi proprji denominat f'euro. Barra minn hekk, il-Kumitat tal-Ġestjoni tar-Riskju (RMC), magħmul minn esperti tal-banek ċentrali tal-Eurosistema, jgħin lill-korpi deċiżjonali jiggarantixxu livell xieraq ta' ħarsien għall-Eurosistema, inkluż il-BĊE. Dan isir billi jiġu amministrati u kontrollati r-riskji finanzjarji li joriġinaw mill-operazzjonijiet tas-suq. Fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet, il-Kumitat RMC jgħin *inter alia* fil-monitoraġġ, il-kejl u r-rappurtar tar-riskji finanzjarji fuq il-karta tal-bilanċ tal-Eurosistema, inkluż il-BĊE, u d-definizzjoni u l-eżami tal-metodoloġiji u l-oqfsa assoċjati magħhom.

## 2.5 Produzzjoni tal-kontijiet finanzjarji tal-BĊE

Ir-rendikonti finanzjarji tal-BĊE jsiru skont il-prinċipji stabbiliti mill-Kunsill Governattiv. Il-produzzjoni u l-proċess ta' approvazzjoni għar-rendikonti finanzjarji tal-BĊE qabel il-pubblikazzjoni tagħhom huma mfissrin fit-tabella ta' hawn taħt.




[5] L-ispiża mġarrba mill-BĊE fit-twettiq tal-kompiti superviżorji tiegħu tiġi rkuprata permezz ta' tariffi annwali imposti fuq entitajiet taħt superviżjoni.

It-Taqsima tar-Rappurtar Finanzjarju tad-Direttorat Ġenerali Finanzi hija responsabbli biex tipproduċi r-rendikonti finanzjarji bil-kooperazzjoni ta' oqsma tax-xogħol oħra kif ukoll biex tara li d-dokumentazzjoni kollha li għandha x'taqsam magħhom tkun disponibbli fil-ħin għall-awdituri u l-korpi deċiżjonali.

Ir-rendikonti finanzjarji tal-BĊE jiġu verifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv u approvati mill-Kunsill tal-UE.[6] Ir-responsabbiltà tal-awdituri esterni hija li jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq jekk ir-rendikonti finanzjarji jagħtux stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja u r-riżultati tal-operazzjonijiet tal-BĊE, skont il-politika tal-kontabilità stabbilita mill-Kunsill Governattiv. F'dan ir-rigward, l-awdituri esterni jeżaminaw il-kotba u l-kontijiet tal-BĊE, jevalwaw l-adegwatezza tal-kontrolli interni applikati għat-tħejjija u l-preżentazzjoni tar-rendikonti finanzjarji u jevalwaw kemm tkun xierqa l-politika tal-kontabilità li tkun tħaddmet.

Il-proċessi tar-rappurtar finanzjarju u r-rendikonti finanzjarji tal-BĊE jistgħu jkunu suġġetti wkoll għal verifika interna. Ir-rapporti kollha tad-Direttorat tal-Verifika Interna, li jista' jkun fihom rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-oqsma tax-xogħol konċernati, jintbagħtu lill-Bord Eżekuttiv.

Il-Kumitat tal-Assi u l-Obbligazzjonijiet tal-BĊE (ALCO), li huwa magħmul minn rappreżentanti minn bosta oqsma tax-xogħol tal-BĊE, jissorvelja u jevalwa b'mod sistematiku l-fatturi kollha li jista' jkollhom impatt fuq il-Karta tal-Bilanċ u l-Kont tal-Qligħ u t-Telf tal-BĊE. Huwa jeżamina r-rendikonti finanzjarji u d-dokumentazzjoni relatata qabel ma jintbagħtu lill-Bord Eżekuttiv għall-approvazzjoni.

Wara li l-Bord Eżekuttiv jawtorizza l-ħruġ tagħhom, ir-rendikonti finanzjarji, flimkien mal-opinjoni tal-awditur estern u d-dokumentazzjoni rilevanti kollha, jintbagħtu lill-Kumitat tal-Verifika[7] biex jiġu eżaminati qabel ma jiġu approvati mill-Kunsill Governattiv. Il-Kumitat tal-Verifika jipprovdi assistenza lill-Kunsill Governattiv fir-rigward tar-responsabbiltajiet tiegħu fuq, *inter alia*, l-integrità tal-informazzjoni finanzjarja u s-sorveljanza tal-kontrolli interni. F'dan ir-rigward, il-Kumitat tal-Verifika jevalwa r-rendikonti finanzjarji tal-BĊE u jqis jekk jagħtux stampa vera u ġusta u jekk ikunux saru skont ir-regoli tal-kontabilità approvati. Jeżamina wkoll kwistjonijiet sinifikanti relatati mal-kontabilità jew mar-rappurtar finanzjarju li jista' jkollhom impatt fuq ir-rendikonti finanzjarji tal-BĊE.

Ir-rendikonti finanzjarji, ir-rapport amministrattiv u n-nota fuq it-tqassim tal-qligħ/l-allokazzjoni tat-telf tal-BĊE jiġu approvati mill-Kunsill Governattiv fi Frar ta' kull sena u pubblikati minnufih wara, flimkien mar-rapport tal-awditur.

---

6 Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja tal-pubbliku fl-indipendenza tal-awdituri esterni tal-BĊE, jiġi applikat il-prinċipju ta' rotazzjoni li bih id-ditti tal-awdituri jinbidlu kull ħames snin.

7 Il-Kumitat tal-Verifika huwa magħmul minn ħames membri: il-Viċi President tal-BĊE, żewġ gvernaturi anzjani ta' banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro u żewġ membri esterni, magħżulin minn fost uffiċjali għolja b'esperjenza fl-attivitajiet tal-banek ċentrali.

# 3 Ġestjoni tar-riskju

Il-ġestjoni tar-riskju hija parti kritika mill-attivitajiet tal-BĊE u ssir permezz ta' proċess kontinwu ta' identifikazzjoni, evalwazzjoni, mitigazzjoni u monitoraġġ tar-riskji. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta r-riskji ewlenin li huwa espost għalihom il-BĊE, kif ukoll is-sorsi tagħhom u l-oqfsa applikabbli tal-ġestjoni tar-riskju. Iżjed tagħrif jinsab fit-taqsimiet ta' wara.

## Riskji li l-BĊE huwa espost għalihom

| Riskju | Komponent | Tip ta' riskju | Sors tar-riskju | Qafas għall-kontroll tar-riskju |
|---|---|---|---|---|
| Riskji finanzjarji | Riskju tal-kreditu[1] | Riskju tal-inadempjenza tal-kreditu | • investimenti f'riżervi barranin<br>• portafoll investiment denominat f'euro<br>• investimenti f'titoli tal-politika monetarja | • kriterji ta' eliġibbiltà<br>• limiti ta' skopertura<br>• diversifikazzjoni<br>• kollateralizzazzjoni<br>• monitoraġġ riskju finanzjarju |
| | | Riskju tal-migrazzjoni tal-kreditu | • investimenti f'riżervi barranin<br>• portafoll investiment denominat f'euro | |
| | Riskju tas-suq | Riskji tal-munita u l-prodotti essenzjali[2] | • investimenti f'riżervi barranin<br>• investimenti f'deheb | • diversifikazzjoni<br>• kontijiet ta' rivalutazzjoni<br>• monitoraġġ riskju finanzjarju |
| | | Riskju tar-rata tal-imgħax[3]<br>(i) tnaqqis fil-valuri tas-suq | • investimenti f'riżervi barranin<br>• portafoll investiment denominat f'euro | • limiti riskju tas-suq<br>• politika allokazzjoni ta' assi<br>• kontijiet ta' rivalutazzjoni<br>• monitoraġġ riskju finanzjarju |
| | | (ii) tnaqqis fid-dħul nett mill-imgħax | • Karta tal-Bilanċ sħiħa tal-BĊE | • politika allokazzjoni ta' assi<br>• monitoraġġ riskju finanzjarju |
| | Riskju tal-likwidità[4] | | • investimenti f'riżervi barranin | • politika allokazzjoni ta' assi<br>• limiti tal-likwidità<br>• monitoraġġ riskju finanzjarju |
| Riskju operazzjonali[5] | | | • impjegati, riżorsi tal-istaff, politika tal-istaff<br>• governanza interna u proċessi tax-xogħol<br>• sistemi<br>• avvenimenti esterni | • identifikazzjoni, valutazzjoni, reazzjoni, rappurtar u monitoraġġ tar-riskji operazzjonali<br>• qafas ġestjoni riskju operazzjonali, ink. politika tolleranza tar-riskju<br>• qafas ġestjoni kontinwità tax-xogħol<br>• qafas ġestjoni kriżijiet |

1) **Riskju tal-kreditu** huwa r-riskju ta' tiġrib ta' telf finanzjarju minħabba "avveniment inadempjenti" li jseħħ meta obbligant (kontroparti jew emittent) ma jissodisfax l-obbligi finanzjarji tiegħu fil-ħin jew minħabba r-riprezzar ta' assi finanzjarji wara deterjorament fil-kwalità u l-klassifikazzjoni tal-kreditu tagħhom.
2) **Riskji tal-munita u l-prodotti essenzjali** huma riskji ta' tiġrib ta' telf finanzjarju (a) fuq pożizzjonijiet denominati f'munita barranija minħabba varjazzjonijiet fir-rati tal-kambju u (b) fuq investimenti fi prodotti essenzjali minħabba varjazzjonijiet fil-prezzijiet tas-suq tagħhom.
3) **Riskju tar-rata tal-imgħax** huwa r-riskju ta' tiġrib ta' telf finanzjarju minħabba tibdil avvers fir-rati tal-imgħax li jwassal għal (i) tnaqqis imqabbel mas-suq fil-valur ta' strumenti finanzjarji jew (ii) impatt negattiv fuq id-dħul nett mill-imgħax.
4) **Riskju tal-likwidità** huwa r-riskju ta' tiġrib ta' telf finanzjarju minħabba li ma jkunux jistgħu jiġu likwidati assi bil-valur tas-suq prevalenti f'perjodu xieraq ta' żmien.
5) **Riskju operazzjonali** huwa r-riskju ta' impatt negattiv finanzjarju, tal-operat jew tar-reputazzjoni b'konsegwenza tan-nies, tal-implimentazzjoni inadegwata jew tal-falliment tal-governanza interna u l-proċessi tal-operat, il-falliment tas-sistemi li minnhom jiddependu dawn il-proċessi jew avvenimenti esterni (e.g. diżastri naturali jew attakki esterni).

## 3.1 Riskji finanzjarji

Ir-riskji finanzjarji jiġu mill-attivitajiet ewlenin tal-BĊE u mill-iskoperturi assoċjati magħhom. Il-BĊE jiddeċiedi l-allokazzjoni tal-assi tiegħu u jimplimenta l-oqfsa xierqa tal-ġestjoni tar-riskju filwaqt li jqis l-għanijiet u l-finijiet tal-portafolli diversi u l-iskoperturi finanzjarji, kif ukoll il-preferenzi tar-riskju tal-korpi deċiżjonali tiegħu.

Ir-riskji finanzjarji jistgħu jiġu kwantifikati bl-użu ta' kejl differenti tar-riskju. Il-BĊE japplika tekniki għall-kalkolu tar-riskju żviluppati internament, skont qafas ta' simulazzjoni konġunta tar-riskji tas-suq u tal-kreditu. Il-kunċetti, it-tekniki u l-ipotesijiet tal-mudelli ewlenin li jiffurmaw il-bażi tal-kejl tar-riskju jutilizzaw standards tas-suq u dejta tas-suq disponibbli.

Sabiex jifhem b'mod komprensiv l-avvenimenti ta' riskju potenzjali li jistgħu jseħħu bi frekwenzi u livelli ta' severità differenti, u biex tiġi evitata d-dipendenza minn kejl wieħed tar-riskju, il-BĊE juża l-aktar żewġ tipi ta' kejl statistiku tar-riskju, il-Valur fir-Riskju (*Value at Risk* – VaR) u l-Iżbilanċ Mistenni (*Expected Shortfall* – ES),[8] li jiġu kalkulati f'diversi livelli ta' fiduċja fuq perjodu ta' sena. Dan il-kejl tar-riskju ma jqisx (i) ir-riskju tal-likwidità tal-portafolli tal-BĊE, b'mod partikolari tal-investimenti tiegħu f'riżervi barranin, u (ii) ir-riskju fit-tul tat-tnaqqis fid-dħul nett mill-imgħax li jdaħħal il-BĊE. Għal din ir-raġuni, u biex jinftiehmu u jiġu komplementati aħjar dawn il-kalkoli statistiċi tar-riskju, il-BĊE jwettaq regolarment ukoll analiżi tas-sensittività u tas-sitwazzjonijiet ta' stress kif ukoll tbassir fit-tul fuq l-iskoperturi u d-dħul.

Fil-31 ta' Diċembru 2016, ir-riskji finanzjarji għall-portafolli tal-BĊE kollha flimkien imkejlin bil-VaR f'livell ta' fiduċja ta' 95% fuq perjodu ta' sena kienu ta' €10.6 biljun, li kien €0.6 biljun ogħla mir-riskji kalkulati fil-31 ta' Diċembru 2015. Din iż-żieda kienet dovuta l-aktar għaż-żieda fil-valur tal-investimenti tal-BĊE f'deheb, li rriżultat miż-żieda fil-prezz tad-deheb fl-2016. Ir-riskju addizzjonali ttaffa b'żieda fil-kontijiet ta' rivalutazzjoni rispettivi.

### 3.1.1 Riskju tal-kreditu

L-oqfsa u l-limiti tal-kontrolli tar-riskju li juża l-BĊE biex jamministra l-profil tar-riskju tiegħu huma differenti skont it-tip ta' operazzjoni u jirriflettu l-għanijiet tal-politika jew tal-investiment tal-portafolli differenti kif ukoll il-karatteristiċi tar-riskju tal-assi ta' bażi.

Ir-riskju tal-kreditu mill-investimenti tal-BĊE f'riżervi barranin huwa baxx, billi r-riżervi jiġu investiti f'assi bi kreditu ta' kwalità tajba.

L-għan tal-portafoll tal-fondi proprji denominat f'euro huwa li jipprovdi lill-BĊE bi dħul biex jgħin il-finanzjament tal-ispejjeż tal-operat li m'għandhomx x'jaqsmu mal-kompiti superviżorji tiegħu, filwaqt li jikkonserva l-kapital investit tiegħu. Il-kunsiderazzjonijiet fuq ir-rendita għalhekk għandhom sehem relattivament akbar fl-allokazzjoni tal-assi u

[8] Il-VaR huwa definit bħala l-limitu massimu ta' telf li, skont mudell statistiku, ma jinqabiżx bi probabbiltà definita (il-livell ta' fiduċja). L-ES huwa definit bħala telf medju peżat bil-probabbiltà fis-sitwazzjonijiet li jaqbżu l-limitu tal-VaR f'livell ta' fiduċja partikolari.

l-qafas tal-kontroll tar-riskju ta' dawn l-investimenti milli għall-portafoll tar-riżervi barranin tal-BĊE. Minkejja dan, ir-riskju tal-kreditu fir-rigward ta' dawn l-investimenti xorta jinżamm f'livelli baxxi.

It-titoli akkwistati għall-għanijiet tal-politika monetarja jiġu valutati b'kost amortizzat suġġett għal indeboliment, u għalhekk kull bidla fil-kwalità tal-kreditu marbuta ma' dawn it-titoli ma tolqotx direttament ir-rendikonti finanzjarji tal-BĊE. Madankollu, dawn it-titoli jibqgħu suġġetti għar-riskju tal-inadempjenza tal-kreditu, li jinżamm fil-livelli ta' tolleranza tar-riskju tal-BĊE permezz tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju applikat.

## 3.1.2 Riskju tas-suq

Meta jamministra l-investimenti tiegħu, it-tipi ewlenin ta' riskji tas-suq li l-BĊE huwa espost għalihom huma r-riskji tal-munita u tal-prodotti essenzjali (il-prezz tad-deheb). Il-BĊE huwa espost ukoll għar-riskju tar-rata tal-imgħax.

### Riskji tal-munita u tal-prodotti essenzjali

Ir-riskji tal-munita u tal-prodotti essenzjali jiddominaw il-profil tar-riskju finanzjarju tal-BĊE. Dan minħabba d-daqs tar-riżervi barranin (li jikkonsistu l-aktar f'dollari Amerikani) u l-investimenti f'deheb tiegħu, kif ukoll il-livell għoli ta' volatilità fir-rati tal-kambju u l-prezz tad-deheb.

Minħabba s-sehem tad-deheb u r-riżervi barranin fil-politika li jħaddem, il-BĊE ma jfittixx li jelimina r-riskji tal-munita u l-prodotti essenzjali. Dawn ir-riskji effettivament jittaffew permezz tad-diversifikazzjoni tal-investimenti f'muniti differenti u f'deheb.

Skont ir-regoli tal-Eurosistema, il-kontijiet ta' rivalutazzjoni tad-deheb u tad-dollaru Amerikan, li kienu ta' €13.9 biljun (2015: €11.9 biljun) u €12.0 biljun (2015: €10.6 biljun) rispettivament fil-31 ta' Diċembru 2016, jistgħu jintużaw biex jassorbu l-impatt ta' ċaqliq sfavorevoli fil-prezzijiet tad-deheb u r-rata tal-kambju tad-dollaru Amerikan fil-ġejjieni, u b'hekk itaffu jekk mhux ukoll jevitaw kull impatt fuq il-Kont tal-Qligħ u t-Telf tal-BĊE.

### Riskju tar-rata tal-imgħax

Il-portafoll tar-riżervi barranin u l-portafoll tal-fondi proprji denominat f'euro jiġu investiti l-aktar f'titoli bi dħul fiss. Dawn it-titoli jiġu rivalutati bil-prezzijiet tas-suq u għalhekk huma esposti għar-riskju tas-suq miċ-ċaqliq tar-rati tal-imgħax. Ir-riskju tar-rata tal-imgħax valutat skont is-suq jiġi amministrat permezz tal-politika tal-allokazzjoni tal-assi u l-limiti tar-riskju tas-suq.

Ir-riskju tar-rata tal-imgħax mill-investimenti tal-BĊE f'riżervi barranin huwa baxx, billi dawn ir-riżervi jiġu investiti l-aktar f'assi b'maturità relattivament qasira biex dejjem jiġi konservat il-valur tas-suq tar-riżervi barranin, li jinżammu għall-għanijiet tal-possibbiltà ta' intervent. Billi din mhijiex kunsiderazzjoni daqshekk importanti għall-

portafoll tal-fondi proprji denominat f'euro, l-assi f'dan il-portafoll ġeneralment ikollhom maturità itwal, li tirriżulta f'livell ogħla, għalkemm limitat, ta' riskju tar-rata tal-imgħax.

Il-BĊE huwa espost ukoll għar-riskju ta' diskrepanza bejn ir-rata tal-imgħax li jdaħħal mill-assi tiegħu u r-rata tal-imgħax li jħallas fuq l-obbligazzjonijiet tiegħu, u dan iħalli impatt fuq id-dħul nett mill-imgħax tiegħu. Dan ir-riskju mhuwiex marbut direttament ma' xi portafoll partikolari, iżda mal-istruttura tal-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE kollha kemm hi, b'mod partikolari l-eżistenza ta' diskrepanzi fil-maturità u r-rendita bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet. Il-politika tal-allokazzjoni tal-assi, li tinkludi l-politika u l-proċeduri li jiggarantixxu li l-akkwisti jsiru bi prezzijiet xierqa, tintuża biex tamministra dan it-tip ta' riskju, suġġett għal kunsiderazzjonijiet tal-politika monetarja. Ir-riskju jkompli jittaffa bl-eżistenza ta' obbligazzjonijiet mhux remunerati fil-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE.

Il-BĊE jissorvelja dan ir-riskju billi jagħmel analiżi progressiva tal-profitabilità tiegħu. Din l-analiżi turi li l-BĊE jkun mistenni jkompli jaqla' dħul nett mill-imgħax fis-snin li ġejjin, minkejja li kulma jmur qiegħed jikber is-sehem tal-assi tal-politika monetarja b'renditi baxxi u maturità twila fil-Karta tal-Bilanċ tiegħu, minħabba li għadhom għaddejjin il-programmi tal-akkwist ta' assi tal-politika monetarja.

### 3.1.3 Riskju tal-likwidità

Minħabba s-sehem tal-euro bħala munita importanti ta' riżerva, ir-rwol tal-BĊE bħala bank ċentrali u l-istruttura tal-assi u l-obbligazzjonijiet tiegħu, l-iskopertura ewlenija tal-BĊE għar-riskju tal-likwidità tiġi mir-riżervi barranin tiegħu. Dan minħabba li ammonti kbar ta' dawn l-investimenti għandhom mnejn ikun jeħtiġilhom jiġu likwidati f'perjodi qosra ta' żmien biex isiru interventi fil-kambju. Biex jiġi amministrat dan ir-riskju, il-politika u l-limiti tal-allokazzjoni tal-assi jiggarantixxu li parti kbira biżżejjed mill-investimenti tal-BĊE tiġi investita f'assi li jistgħu jiġu likwidati malajr b'impatt negliġibbli fuq il-prezz.

Fl-2016 ir-riskju tal-likwidità tal-portafolli tal-BĊE baqa' baxx.

## 3.2 Riskju operazzjonali

L-għanijiet ewlenin tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali (ORM) tal-BĊE huma li (a) jagħti kontribut biex jiżgura li l-BĊE jilħaq il-missjoni u l-għanijiet tiegħu u (b) iħares ir-reputazzjoni tiegħu u assi oħra mit-telf, l-użu ħażin u d-danni.

Fil-qafas tal-ORM, kull qasam tax-xogħol huwa responsabbli biex jidentifika, jevalwa, jirreaġixxi għal, jirrapporta fuq u jissorvelja r-riskji u l-kontrolli operazzjonali tiegħu. Oqsma tax-xogħol b'sehem trasversali jipprovdu kontrolli speċifiċi fil-livell tal-bank kollu. F'dan l-ambitu, il-politika tal-BĊE fuq it-tolleranza tar-riskju tipprovdi gwida fir-rigward tal-istrateġiji ta' reazzjoni għar-riskju u l-proċeduri ta' aċċettazzjoni tar-riskju. Il-politika tintrabat ma' matriċi tar-riskju bażata fuq l-iskali ta' gradazzjoni tal-BĊE għall-impatt u l-probabbiltà (li japplikaw kriterji kwantitattivi u kwalitattivi).

It-Taqsima ORM/BCM tal-Kap Uffiċjal għas-Servizzi hija responsabbli għaż-żamma tal-oqfsa tal-ORM u tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-operat (BCM) u għall-għoti ta' assistenza metodoloġika fir-rigward tal-attivitajiet tal-ORM u l-BCM lis-sidien tar-riskju u l-kontroll. Barra minn hekk, tipprovdi rapporti annwali u *ad hoc* fuq ir-riskji operazzjonali lill-Kumitat tar-Riskju Operazzjonali u lill-Bord Eżekuttiv u tgħin lill-korpi deċiżjonali fis-sorveljanza tal-ġestjoni tar-riskji u l-kontrolli operazzjonali tal-BĊE. Hija tikkoordina l-programm tal-BCM, it-testijiet regolari għall-kontinwità tax-xogħol u rieżamijiet tad-dispożizzjonijiet tal-kontinwità tax-xogħol għall-operazzjonijiet tal-BĊE b'ħin kritiku. Fl-aħħar nett, tappoġġa t-Tim tal-Ġestjoni tal-Kriżijiet, inklużi l-istrutturi ta' sostenn tiegħu, kif ukoll l-oqsma tax-xogħol f'sitwazzjonijiet (eċċezzjonali) li jkollhom il-potenzjal jiżviluppaw fi kriżi operazzjonali.

# 4 Riżorsi finanzjarji

Ir-riżorsi finanzjarji tal-BĊE (i) jiġu investiti f'assi li jiġġeneraw dħul u/jew (ii) jintużaw biex ipaċu direttament telf minn riskji finanzjarji. Dawn ir-riżorsi finanzjarji jikkonsistu f'kapital, il-provediment ġenerali għar-riskju, kontijiet ta' rivalutazzjoni u d-dħul nett għas-sena.

## Kapital

Il-kapital imħallas tal-BĊE kien ta' €7,740 miljun fil-31 ta' Diċembru 2016. Tagħrif dettaljat jinsab fin-nota 15.1 "Kapital" fin-noti fuq il-Karta tal-Bilanċ.

## Provediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb

Minħabba l-iskopertura konsiderevoli tal-BĊE għar-riskji finanzjarji mfissra fit-Taqsima 3.1, il-BĊE jżomm provediment għar-riskji tar-rata tal-kambju (munita), tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb (prodotti essenzjali). Id-daqs u r-rekwiżit kontinwu għal dan il-provediment jiġi eżaminat kull sena billi jqis firxa ta' fatturi, fosthom il-livell ta' investimenti ta' assi li jġorru riskju, riżultati mbassrin għas-sena li ġejja u evalwazzjoni tar-riskju. Din l-evalwazzjoni tar-riskju hija mfissra fit-Taqsima 3.1 u tiġi applikata b'mod konsistenti matul iż-żmien. Il-provediment għar-riskju, flimkien mal-ammonti miżmumin fil-fond ġenerali tar-riżervi tal-BĊE, m'għandhomx jaqbżu l-valur tal-kapital imħallas mill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro.

Fil-31 ta' Diċembru 2016 il-provediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb kien ta' €7,620 miljun, li huwa daqs il-valur tal-kapital tal-BĊE mħallas mill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro f'dik id-data.

## Kontijiet ta' rivalutazzjoni

Il-qligħ mhux realizzat mid-deheb, mill-muniti barranin u mit-titoli suġġetti għar-rivalutazzjoni tal-prezzijiet mhuwiex rikonoxxut bħala dħul fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf iżda jidħol direttament fil-kontijiet ta' rivalutazzjoni fuq in-naħa tal-passiv tal-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE. Dan il-bilanċ jista' jintuża biex jassorbi l-impatt ta' ċaqliq sfavorevoli fil-prezzijiet u/jew fir-rati tal-kambju rispettivi fil-ġejjieni, u għalhekk isaħħaħ ir-reżistenza tal-BĊE għar-riskji ta' bażi.

L-ammont totali tal-kontijiet ta' rivalutazzjoni għad-deheb, muniti barranin u titoli fi tmiem Diċembru 2016 kien ta' €28.8 biljun[9] (2015: €25.0 biljun). Għal aktar tagħrif ara n-noti fuq il-politika tal-kontabilità u n-nota 14 "Kontijiet ta' rivalutazzjoni" fin-noti tal-Karta tal-Bilanċ.

## Dħul nett

Id-dħul nett mill-assi u l-obbligazzjonijiet tal-BĊE għal sena finanzjarja partikolari jista' jintuża biex jassorbi telf potenzjali mġarrab fl-istess sena jekk ikun hemm riskji finanzjarji. Hekk, id-dħul nett jikkontribwixxi biex jissalvagwarda l-assi netti tal-BĊE.

*Żviluppi fir-riżorsi finanzjarji tal-BĊE*

Tabella 1 tippreżenta l-evoluzzjoni tar-riżorsi finanzjarji tal-BĊE msemmijin hawn fuq u tar-rati tal-kambju ewlenin u l-prezzijiet tad-deheb għall-perjodu 2008-16. F'dan il-perjodu (a) il-kapital imħallas tal-BĊE kważi rdoppja minħabba d-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill Governattiv fl-2010 li jżid il-kapital sottoskritt; (b) il-provediment għar-riskju żdied għal ammont daqs il-kapital imħallas tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro; (c) il-kontijiet ta' rivalutazzjoni wrew livell notevoli ta' volatilità, l-aktar minħabba ċaqliq fir-rati tal-kambju u l-prezz tad-deheb; u (d) il-qligħ nett kien bejn €0.2 biljun u €2.3 biljun u ġie influwenzat minn għadd ta' fatturi, bħat-trasferimenti għall-provediment tar-riskju tal-BĊE, żviluppi fir-rati tal-imgħax u l-akkwist ta' titoli marbut mal-politika monetarja.

---

9 Barra dan, il-partita tal-karta tal-bilanċ "Kontijiet ta' rivalutazzjoni" tinkludi l-kalkoli ġodda fir-rigward tal-benefiċċji ta' wara l-impjieg.

## Tabella 1

Ir-riżorsi finanzjarji tal-BĊE, ir-rati tal-kambju ewlenin u l-prezzijiet tad-deheb[10] fil-perjodu 2008-16

(miljuni ta' EUR)




(bidla perċentwali mal-2008)




Sors: BĊE
* Dawn jinkludu l-qligħ totali mir-rivalutazzjoni tad-deheb, il-munita barranija u t-titoli

# 5 L-impatt tal-attivitajiet ewlenin fuq ir-rendikonti finanzjarji

It-tabella tagħti ħarsa ġenerali lejn l-operazzjonijiet u l-funzjonijiet ewlenin tal-BĊE biex jasal għall-mandat tiegħu u l-impatt tagħhom fuq ir-rendikonti finanzjarji tal-bank. Il-firxa sħiħa tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema hija riflessa fir-rendikonti finanzjarji tal-BĊE, flimkien ma' dawk tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro, u dan jirrifletti l-prinċipju tal-implimentazzjoni deċentralizzata tal-politika monetarja fl-Eurosistema.

10 L-iżviluppi fir-rati tal-kambju ewlenin u l-prezz tad-deheb jidhru bħala l-bidla perċentwali mqabbla mar-rati tal-kambju u l-prezz tad-deheb prevalenti fi tmiem l-2008.

| Operazzjoni/Funzjoni | Impatt fuq ir-rendikonti finanzjarji tal-BĊE |
|---|---|
| Operazzjonijiet tal-politika monetarja | Operazzjonijiet tal-politika monetarja li jsiru bis-sett ta’ strumenti standard (i.e. operazzjonijiet fis-suq miftuħ, faċilitajiet permanenti u rekwiżiti ta’ riżervi minimi għal istituzzjonijiet ta’ kreditu) jiġu implimentati b’mod deċentralizzat mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema. Għalhekk, dawn l-operazzjonijiet ma jidhrux fil-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE. |
| Titoli miżmuma għall-għanijiet tal-politika monetarja (fis-CBPPs, l-SMP, l-ABSPP u l-PSPP)[11] | It-titoli akkwistati għall-għanijiet tal-politika monetarja jidħlu fil-partita tal-karta tal-bilanċ “Titoli miżmuma għall-għanijiet tal-politika monetarja”. L-investimenti f’dawn il-portafolli jidħlu fil-kontijiet b’kost amortizzat u jsir test għall-indeboliment tal-inqas darba fis-sena. Id-dovuti mill-kupuni u l-primjums u l-iskontijiet amortizzati jiġu inklużi fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf.[12] |
| Attivitajiet ta’ investiment (ġestjoni tar-riżervi barranin u l-fondi proprji) | Ir-riżervi barranin tal-BĊE jidħlu fil-karta tal-bilanċ[13] jew jidhru f’kontijiet esklużi mill-karta tal-bilanċ sad-data tal-ħlas.<br>Il-portafoll tal-fondi proprji tal-BĊE jidħol fil-karta tal-bilanċ, l-aktar fil-partita “Assi finanzjarji oħra”.<br>Id-dħul nett mill-imgħax, li jinkludi d-dovuti mill-kupuni u l-primjums u l-iskontijiet amortizzati, jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf.[14] It-telf mhux realizzat mill-prezzijiet u r-rati tal-kambju li jaqbeż il-qligħ mhux realizzat imdaħħal qabel, kif ukoll il-qligħ u t-telf realizzati mill-bejgħ ta’ titoli, jidħlu wkoll fil-Kont tal-Qligħu u t-Telf.[15] Il-qligħ mhux realizzat jidħol fil-karta tal-bilanċ fil-partita “Kontijiet ta’ rivalutazzjoni”. |
| Operazzjonijiet li jipprovdu likwidità f’munita barranija | Il-BĊE jaġixxi ta’ intermedjarju bejn il-banek ċentrali barra ż-żona tal-euro u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema permezz ta’ tranżazzjonijiet *swap* li joffru finanzjament f’munita barranija għal żmien qasir lil kontropartijiet tal-Eurosistema.<br>Dawn l-operazzjonijiet jidħlu fil-partiti tal-karta tal-bilanċ “Obbligazzjonijiet ma’ residenti barra ż-żona tal-euro denominati f’euro” u “Klejms/obbligazzjonijiet oħra fi ħdan l-Eurosistema” u m’għandhom ebda impatt fuq il-Kont tal-Qligħ u t-Telf tal-BĊE. |
| Sistemi ta’ ħlas (TARGET2) | Il-bilanċi fi ħdan l-Eurosistema tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro *vis-à-vis* il-BĊE minn TARGET2 jidħlu fil-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE bħala pożizzjoni waħda netta tal-attiv jew tal-passiv. Ir-remunerazzjoni ta’ dawn il-bilanċi tidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf fil-partiti “Dħul ieħor mill-imgħax” u “Spejjeż oħra tal-imgħax”. |
| Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni | Il-BĊE ġie allokat sehem ta’ 8% mill-valur totali tal-karti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni. Dan is-sehem huwa kopert bi klejms mal-banek ċentrali nazzjonali, b’imgħax skont ir-rata tal-operazzjonijiet ewlenin ta’ rifinanzjament. Dan l-imgħax jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf fil-partita “Dħul mill-imgħax fuq l-allokazzjoni ta’ karti tal-euro fl-Eurosistema”.<br>L-ispejjeż tal-ġarr transkonfinali ta’ karti tal-euro bejn l-istamperiji tal-karti tal-flus u l-banek ċentrali nazzjonali għall-kunsinna ta’ karti tal-flus ġodda, u bejn il-banek ċentrali nazzjonali għal ħażniet biex jagħmlu tajjeb għal nuqqas ta’ provvista, jiġġarrbu ċentralment mill-BĊE. Dawn l-ispejjeż jidħlu fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf fl-intestatura “Servizzi tal-produzzjoni tal-karti tal-flus”. |
| Superviżjoni bankarja | L-ispejjeż annwali tal-BĊE relatati mal-kompiti superviżorji tiegħu jiġu rkuprati permezz ta’ tariffi superviżorji annwali imposti fuq l-entitajiet taħt superviżjoni. It-tariffi superviżorji jidħlu fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf fl-intestatura “Dħul nett minn tariffi u kummissjonijiet”. |

## 6 Riżultat finanzjarju għall-2016

Fl-2016 il-qligħ nett tal-BĊE kien ta’ €1,193 miljun (2015: €1,082 miljun).

Tabella 2 tirrappreżenta l-komponenti tal-Kont tal-Qligħ u t-Telf tal-BĊE fl-2016 imqabblin mal-2015.

11 Il-BĊE ma jakkwistax titoli fil-programm ta’ xiri mis-settur korporattiv.

12 Rappurtati netti jew fi “Dħul ieħor mill-imgħax” jew fi “Spejjeż oħra tal-imgħax”, skont jekk l-ammont nett ikunx pożittiv jew negattiv.

13 Jidħlu l-aktar fil-partiti “Deheb u ammonti riċevibbli f’deheb”, “Klejms ma’ residenti barra ż-żona tal-euro denominati f’munita barranija”, “Klejms ma’ residenti taż-żona tal-euro denominati f’munita barranija” u “Obbligazzjonijiet ma’ residenti barra ż-żona tal-euro denominati f’munita barranija”.

14 Id-dħul relatat mar-riżervi barranin tal-BĊE jidher fil-partita “Dħul mill-imgħax fuq assi f’riżervi barranin”, filwaqt li d-dħul u l-ispejjeż tal-imgħax fuq il-fondi proprji tiegħu jidhru fil-partiti “Dħul ieħor mill-imgħax” u “Spejjeż oħra tal-imgħax”.

15 Jidħlu fil-partiti “Valutazzjoni negattiva fuq assi u pożizzjonijiet finanzjarji” u “Qligħ/telf realizzat minn operazzjonijiet finanzjarji” rispettivament.

## Tabella 2

Analiżi tal-Kont tal-Qligħ u t-Telf tal-BĊE fl-2016 u l-2015

(miljuni ta' EUR)




Sors: BĊE

## Punti ewlenin

- Id-dħul mill-imgħax fuq assi f'riżervi barranin żdied b'€87 miljun l-aktar minħabba ż-żieda fid-dħul mill-imgħax fuq titoli denominati f'dollari Amerikani.
- Id-dħul mill-imgħax fuq titoli akkwistati għall-għanijiet tal-politika monetarja żdied minn €890 miljun fl-2015 għal €1,044 miljun fl-2016. It-tnaqqis fid-dħul minħabba li mmaturaw titoli akkwistati fl-SMP u fl-ewwel u t-tieni CBPPs kien aktar minn paċut mid-dħul mill-programm ta' xiri ta' assi (APP).[16]
- Id-dħul mill-imgħax fuq is-sehem tal-BĊE tat-total ta' karti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni u l-ispiża tal-imgħax pagabbli lill-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tar-riżervi barranin trasferiti naqsu bi €33 miljun u €14-il miljun rispettivament, minħabba li r-rata medja tal-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament kienet iżjed baxxa fl-2016.

[16] L-APP jikkonsisti fis-CBPP3, l-ABSPP, il-PSPP u l-programm ta' xiri mis-settur korporattiv (CSPP). Il-BĊE ma jakkwistax titoli fis-CSPP.  Dettalji oħra fuq l-APP jinsabu fil-websajt tal-BĊE.

- Id-dħul nett minn imgħax ieħor naqas, l-aktar minħabba dħul mill-imgħax iżjed baxx fuq il-portafoll tal-fondi proprji, li rriżulta mill-ambjent b'renditi baxxi fiż-żona tal-euro.

- Ir-riżultat nett tal-operazzjonijiet finanzjarji u l-valutazzjonijiet negattivi fuq l-assi finanzjarji naqas b'€74 miljun, l-aktar minħabba li l-valutazzjonijiet negattivi ta' tmiem is-sena kienu ogħla, b'riżultat tat-tnaqqis globali fil-prezzijiet tas-suq ta' titoli miżmumin fil-portafoll tad-dollaru Amerikan.

- L-ispejjeż amministrattivi totali tal-BĊE, inkluż id-deprezzament, kienu ta' €954 miljun, imqabblin ma' €864 miljun fl-2015. Din iż-żieda kienet dovuta l-aktar għal żieda fl-ispejjeż imġarrbin fir-rigward tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU). L-ispejjeż kollha relatati mal-MSU jiġu rkuprati permezz ta' tariffi imposti fuq l-entitajiet taħt superviżjoni. Minħabba dan, id-dħul ieħor żdied għal €422 miljun (2015: €320 miljun).

## 7 Żviluppi fit-tul fir-rendikonti finanzjarji tal-BĊE

It-Tabelli 3 u 4 juru l-evoluzzjoni tal-Karta tal-Bilanċ u l-Kont tal-Qligħ u t-Telf tal-BĊE, kif ukoll tal-komponenti tagħhom, għall-perjodu 2008-16.

**Tabella 3**
Evoluzzjoni tal-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE fil-perjodu 2008-16[17]

(biljuni ta' EUR)




Sors: BĊE

[17] It-tabella turi l-valuri ta' tmiem is-sena.

**Tabella 4**

Evoluzzjoni tal-Kont tal-Qligħ u t-Telf tal-BĊE fil-perjodu 2008-16

(biljuni ta' EUR)




Sors: BĊE

Il-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE ċkienet fil-perjodu 2008-14 l-aktar minħabba t-titjib fil-kundizzjonijiet tal-finanzjament b'dollari Amerikani għall-kontropartijiet tal-Eurosistema u t-tnaqqis gradwali fl-operazzjonijiet għall-provediment ta' likwidità f'dollari Amerikani offruti mill-Eurosistema. Dan wassal għal tnaqqis fil-klejms tal-BĊE fi ħdan l-Eurosistema u fl-obbligazzjonijiet l-oħra tiegħu. Fir-raba' trimestru tal-2014, il-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE bdiet tespandi bl-akkwist ta' bonds garantiti u titoli koperti b'assi fit-tielet programm ta' xiri ta' bonds garantiti (CBPP3) u l-ABSPP. Din l-espansjoni tal-karta tal-bilanċ kompliet fl-2015 u l-2016, minħabba l-akkwist ta' titoli maħruġin mill-gvernijiet ċentrali, reġjonali jew lokali taż-żona tal-euro u aġenziji rikonoxxuti fir-rigward tal-PSPP. It-titoli akkwistati f'dawn il-programmi kollha tħallsu permezz tal-kontijiet TARGET2 u għalhekk wasslu għal żieda korrispondenti fl-obbligazzjonijiet tal-BĊE fi ħdan l-Eurosistema.

Il-qligħ nett tal-BĊE fl-istess perjodu ġie influwenzat minn dawn il-fatturi:

- Ir-rata fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament naqset, u dan naqqas b'mod sinifikanti d-dħul mid-drittijiet tal-munita għall-BĊE. Ir-rata medja għall-2016 kienet 0.01%, imqabbla ma' 4% għall-2008, u għalhekk id-dħul mill-imgħax fuq il-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni naqas minn €2.2 biljun fl-2008 għal €0.01 biljun fl-2016.

- Il-provediment ġenerali għar-riskju fir-rigward tar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tad-deheb żdied, b'mod partikolari fil-perjodu 2010-12. F'dan il-perjodu ammont kumulattiv ta' €3.5 biljun ġie trasferit fil-provediment għar-riskju, u dan naqqas il-qligħ rappurtat bl-istess ammont.

- Id-dħul mill-imgħax fuq l-assi f'riżervi barranin naqas gradwalment minn €1.0 biljun fl-2008 għal €0.2 biljun fl-2013, l-aktar minħabba t-tnaqqis fir-renditi mid-dollaru Amerikan, li wassal għal tnaqqis fid-dħul mill-imgħax iġġenerat mill-portafoll tad-dollaru Amerikan. Madankollu, din ix-xejra nqalbet fit-tliet snin li għaddew u fl-2016 dan id-dħul kien ta' €0.4 biljun.

- L-investimenti f'titoli akkwistati fil-programmi tax-xiri ta' assi tal-politika monetarja ġġeneraw, bħala medja, 57% tad-dħul nett totali tal-BĊE mill-imgħax mill-2010 'l hawn.

- It-twaqqif tal-MSU fl-2014 ikkontribwixxa għal żieda sinifikanti fl-ispejjeż amministrattivi u tal-istaff. Madankollu, l-ispejjeż relatati mal-MSU jiġu rkuprati kull sena permezz ta' tariffi imposti fuq l-entitajiet taħt superviżjoni.

# Rendikonti finanzjarji tal-BĊE

## Karta tal-Bilanċ tal-31 ta' Diċembru 2016

| ATTIV | Numru tan-nota | 2016 € | 2015 € |
|---|---|---|---|
| **Deheb u ammonti riċevibbli f'deheb** | 1 | **17,820,761,460** | **15,794,976,324** |
| | | | |
| **Klejms ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'munita barranija** | 2 | | |
| Ammonti ricevibbli mill-FMI | 2.1 | 716,225,836 | 714,825,534 |
| Bilanċi ma' banek u investimenti f'titoli, self estern u assi esterni oħra | 2.2 | 50,420,927,403 | 49,030,207,257 |
| | | **51,137,153,239** | **49,745,032,791** |
| | | | |
| **Klejms ma' residenti taż-żona tal-euro denominati f'munita barranija** | 2.2 | **2,472,936,063** | **1,862,714,832** |
| | | | |
| **Klejms oħra ma' istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona tal-euro denominati f'euro** | 3 | **98,603,066** | **52,711,983** |
| | | | |
| **Titoli ta' residenti taż-żona tal-euro denominati f'euro** | 4 | | |
| Titoli miżmuma għall-għanijiet tal-politika monetarja | 4.1 | **160,815,274,667** | **77,808,651,858** |
| | | | |
| **Klejms fi ħdan l-Eurosistema** | 5 | | |
| Klejms relatati mal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema | 5.1 | **90,097,085,330** | **86,674,472,505** |
| | | | |
| **Assi oħra** | 6 | | |
| Assi fissi tanġibbli u intanġibbli | 6.1 | 1,239,325,587 | 1,263,646,830 |
| Assi finanzjarji oħra | 6.2 | 20,618,929,223 | 20,423,917,583 |
| Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ | 6.3 | 839,030,321 | 518,960,866 |
| Dovuti u spejjeż imħallsin bil-quddiem | 6.4 | 2,045,522,937 | 1,320,068,350 |
| Varji | 6.5 | 1,799,777,235 | 1,180,224,603 |
| | | **26,542,585,303** | **24,706,818,232** |
| **Attiv totali** | | **348,984,399,128** | **256,645,378,525** |

| PASSIV | Numru tan-nota | 2016 € | 2015 € |
|---|---|---|---|
| **Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni** | 7 | **90,097,085,330** | **86,674,472,505** |
| **Obbligazzjonijiet oħra ma' istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona tal-euro denominati f'euro** | 8 | **1,851,610,500** | **0** |
| **Obbligazzjonijiet ma' residenti oħra taż-żona tal-euro denominati f'euro** | 9 | | |
| | 9.1 | **1,060,000,000** | **1,026,000,000** |
| **Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'euro** | 10 | **16,730,644,177** | **2,330,804,192** |
| **Obbligazzjonijiet fi ħdan l-Eurosistema** | 11 | | |
| Obbligazzjonijiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin | 11.1 | 40,792,608,418 | 40,792,608,418 |
| Obbligazzjonijiet oħra fl-Eurosistema (netti) | 11.2 | 151,201,250,612 | 83,083,520,309 |
| | | **191,993,859,030** | **123,876,128,727** |
| **Obbligazzjonijiet oħra** | 12 | | |
| Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ | 12.1 | 660,781,618 | 392,788,148 |
| Dovuti u dħul miġbur bil-quddiem | 12.2 | 69,045,958 | 95,543,989 |
| Varji | 12.3 | 1,255,559,836 | 891,555,907 |
| | | **1,985,387,412** | **1,379,888,044** |
| **Provedimenti** | 13 | **7,706,359,686** | **7,703,394,185** |
| **Kontijiet ta' rivalutazzjoni** | 14 | **28,626,267,808** | **24,832,823,174** |
| **Kapital u riżervi** | 15 | | |
| Kapital | 15.1 | **7,740,076,935** | **7,740,076,935** |
| **Qligħ għas-sena** | | **1,193,108,250** | **1,081,790,763** |
| **Passiv totali** | | **348,984,399,128** | **256,645,378,525** |

# Kont tal-Qligħ u t-Telf għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016

| | Numru tan-nota | 2016 € | 2015 € |
|---|---|---|---|
| Dħul mill-imgħax fuq assi f'riżervi barranin | 22.1 | 370,441,770 | 283,205,941 |
| Dħul mill-imgħax fuq l-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema | 22.2 | 8,920,896 | 41,991,105 |
| Dħul ieħor mill-imgħax | 22.4 | 1,604,648,023 | 1,732,919,191 |
| *Dħul mill-imgħax* | | *1,984,010,689* | *2,058,116,237* |
| Remunerazzjoni ta' klejms ta' banek ċentrali nazzjonali fir-rigward ta' riżervi barranin trasferiti | 22.3 | (3,611,845) | (17,576,514) |
| Spejjeż oħra tal-imgħax | 22.4 | (332,020,205) | (565,387,082) |
| *Spejjeż tal-imgħax* | | *(335,632,050)* | *(582,963,596)* |
| **Dħul nett mill-imgħax** | 22 | **1,648,378,639** | **1,475,152,641** |
| Qligħ/telf realizzat minn operazzjonijiet finanzjarji | 23 | 224,541,742 | 214,433,730 |
| Valutazzjoni negattiva ta' assi u pożizzjonijiet finanzjarji | 24 | (148,172,010) | (64,053,217) |
| Trasferiment lil/minn provedimenti għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb | | 0 | 0 |
| **Riżultat nett tal-operazzjonijiet finanzjarji, valutazzjoni negattiva u provedimenti għar-riskju** | | **76,369,732** | **150,380,513** |
| **Dħul nett/spiża netta minn tariffi u kummissjonijiet** | 25 | **371,322,769** | **268,332,261** |
| **Dħul mill-ishma u l-parteċipazzjoni azzjonarja** | 26 | **869,976** | **908,109** |
| **Dħul ieħor** | 27 | **50,000,263** | **51,023,378** |
| **Dħul nett totali** | | **2,146,941,379** | **1,945,796,902** |
| Spejjeż tal-istaff | 28 | (466,540,231) | (440,844,142) |
| Spejjeż amministrattivi | 29 | (414,207,622) | (351,014,617) |
| Deprezzament ta' assi fissi tanġibbli u intanġibbli | | (64,769,605) | (64,017,361) |
| Servizzi tal-produzzjoni tal-karti tal-flus | 30 | (8,315,671) | (8,130,019) |
| **Qligħ għas-sena** | | **1,193,108,250** | **1,081,790,763** |

*Frankfurt am Main, 7 ta' Frar 2017*

Bank Ċentrali Ewropew

Mario Draghi
President

# Politika tal-kontabilità[18]

## Forma u preżentazzjoni tar-rendikonti finanzjarji

Ir-rendikonti finanzjarji tal-BĊE tfasslu skont din il-politika tal-kontabilità,[19] li l-Kunsill Governattiv tal-BĊE jqis li tagħti preżentazzjoni ġusta tar-rendikonti finanzjarji u fl-istess ħin tirrifletti n-natura tal-attivitajiet ta' bank ċentrali.

## Prinċipji tal-kontabilità

Ġew applikati l-prinċipji tal-kontabilità li ġejjin: realtà u trasparenza ekonomika, prudenza, għarfien ta' avvenimenti post karta tal-bilanċ, materjalità, negozju avvjat, prinċipju tad-dovuti, konsistenza u komparabbiltà.

## Għarfien tal-assi u l-obbligazzjonijiet

L-assi jew l-obbligazzjonijiet jidhru fil-Karta tal-Bilanċ biss meta x'aktarx li kull benefiċċju ekonomiku futur marbut magħhom jgħaddi għal għand, jew mingħand, il-BĊE, meta r-riskji u l-gwadanji sostanzjalment kollha assoċjati magħhom ikunu ġew trasferiti lill-BĊE, u meta l-prezz jew il-valur tal-assi jew l-ammont tal-obbligazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu kalkulati b'mod affidabbli.

## Bażi tal-kontabilità

Il-kontijiet tħejjew abbażi tal-kost storiku, modifikat biex jinkludi l-valutazzjoni tas-suq tat-titoli negozjabbli (barra dawk miżmumin għall-għanijiet tal-politika monetarja), tad-deheb u tal-assi u l-obbligazzjonijiet l-oħra kollha inklużi fil-karta tal-bilanċ u esklużi minnha denominati f'munita barranija.

It-tranżazzjonijiet f'assi u obbligazzjonijiet finanzjarji jidhru fil-kontijiet bid-data meta jkunu ġew konklużi.

Bl-eċċezzjoni tat-tranżazzjonijiet *spot* f'titoli, it-tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji denominati f'munita barranija jidħlu fil-kontijiet esklużi mill-karta tal-bilanċ bid-data ta' meta jkunu saru. Fid-data tal-konklużjoni tat-tranżazzjoni, l-entrati esklużi mill-karta tal-bilanċ jiġu riversjati u t-tranżazzjonijiet jiddaħħlu fil-karta tal-bilanċ. Ix-xiri u l-bejgħ ta' munita barranija jaffettwa l-pożizzjoni netta f'munita barranija fid-data ta' meta jkun sar, u r-riżultati realizzati mill-bejgħ jiġu kalkulati f'din id-data wkoll. L-imgħax, il-

18 Il-politika dettaljata tal-kontabilità tal-BĊE hija stabbilita fid-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 tal-BĊE tat-3 ta' Novembru 2016 dwar il-kontijiet annwali tal-BĊE (BĊE/2016/35), ĠU L 347, 20.12.2016, p. 1.

19 Din il-politika, li tiġi eżaminata u aġġornata regolarment skont kif jixraq, hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26.4 tal-Istatut tas-SEBĊ, li jitolbu approċċ armonizzat għar-regoli tar-rappurtar kontabilistiku u finanzjarju tal-operazzjonijiet tal-Eurosistema.

primjums u l-iskontijiet dovuti relatati mal-istrumenti finanzjarji denominati f'munita barranija jiġu kalkulati u jidħlu fil-kontijiet kuljum, u l-pożizzjoni f'munita barranija wkoll tiġi affettwata kuljum minn dawn id-dovuti.

## Assi u obbligazzjonijiet f'deheb u f'munita barranija

L-assi u l-obbligazzjonijiet denominati f'munita barranija jinqalbu f'euro bir-rata tal-kambju tad-data tal-karta tal-bilanċ. Id-dħul u l-ispejjeż jinqalbu bir-rata tal-kambju tad-data meta jidħlu fil-kontijiet. Ir-rivalutazzjoni ta' assi u obbligazzjonijiet tal-kambju, fosthom strumenti inklużi fil-karta tal-bilanċ u esklużi minnha, issir għal kull munita individwali.

Ir-rivalutazzjoni bil-prezz tas-suq ta' assi u obbligazzjonijiet denominati f'munita barranija tinħadem b'mod separat mir-rivalutazzjoni tar-rata tal-kambju.

Id-deheb jiġi valutat bil-prezz tas-suq prevalenti fid-data tal-karta tal-bilanċ. Ma ssir ebda distinzjoni bejn id-differenzi fir-rivalutazzjoni tal-prezz u tal-munita fil-każ tad-deheb. Minflok, tidħol fil-kontijiet valutazzjoni waħda għad-deheb abbażi tal-prezz f'euro għal kull uqija fina ta' deheb li, għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016, inħadmet bir-rata tal-kambju tal-euro mad-dollaru Amerikan fit-30 ta' Diċembru 2016.

Id-dritt speċjali ta' kreditu (SDR) jiġi definit f'termini ta' basket ta' muniti. Sabiex jiġu rivalutati l-investimenti tal-BĊE fi drittijiet speċjali ta' kreditu, il-valur tal-SDR ġie kalkulat bis-somma peżata tar-rati tal-kambju ta' ħames muniti kbar (id-dollaru Amerikan, l-euro, il-yen Ġappuniż, il-lira sterlina u r-renminbi Ċiniż) maqlubin f'euro fit-30 ta' Diċembru 2016.

## Titoli

### *Titoli miżmuma għall-għanijiet tal-politika monetarja*

It-titoli miżmumin attwalment għall-għanijiet tal-politika monetarja jidħlu fil-kontijiet b'kost amortizzat suġġett għal indeboliment.

### *Titoli oħra*

It-titoli negozjabbli (barra dawk miżmumin għall-għanijiet tal-politika monetarja) u assi simili jiġu valutati jew bil-prezzijiet medji tas-suq jew abbażi tal-kurva tar-rendditi rilevanti fid-data tal-karta tal-bilanċ, għal kull titolu individwali. L-opzjonijiet inkorporati fit-titoli ma jiġux separati għall-għanijiet tal-valutazzjoni. Għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016, intużaw il-prezzijiet medji tas-suq tat-30 ta' Diċembru 2016. Ishma illikwidi ta' ekwità u strumenti oħra ta' ekwità miżmumin bħala investimenti permanenti jiġu valutati bil-prezz tal-akkwist suġġett għal indeboliment.

## Għarfien tad-dħul

Id-dħul u l-ispejjeż jiġu rikonoxxuti fil-perjodu meta jidħlu jew meta jsiru.[20] Il-qligħ u t-telf realizzat li jsir mill-bejgħ ta' munita barranija, deheb u titoli jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf. Dan il-qligħ u t-telf realizzat jiġi kalkulat b'referenza għall-prezz medju tal-assi rispettivi.

Il-qligħ mhux realizzat ma jiġix rikonoxxut bħala dħul iżda jiġi trasferit direttament f'kont ta' rivalutazzjoni.

It-telf mhux realizzat jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf jekk, fl-aħħar tas-sena, ikun ikbar mill-qligħ tar-rivalutazzjoni preċedenti li jkun iddaħħal fil-kont ta' rivalutazzjoni rispettiv. Dan it-telf mhux realizzat minn titolu jew munita individwali jew mid-deheb ma jiġix nettjat mal-qligħ mhux realizzat minn titoli jew muniti oħra jew mid-deheb. Fil-każ li dan it-telf mhux realizzat minn xi partita jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf, il-prezz medju ta' din il-partita jitnaqqas bir-rata tal-kambju jew bil-prezz tas-suq tal-aħħar tas-sena. It-telf mhux realizzat fuq is-*swaps* tar-rati tal-imgħax li jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf fi tmiem is-sena jiġi amortizzat fis-snin ta' wara.

It-telf mill-indeboliment jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf u ma jiġix riversjat fis-snin ta' wara ħlief jekk l-indeboliment jonqos u t-tnaqqis jista' jiġi relatat ma' avveniment osservabbli li jseħħ wara li l-indeboliment ikun iddaħħal fil-kontijiet għall-ewwel darba.

Primjums jew skontijiet fuq titoli jiġu amortizzati fuq il-bqija tal-ħajja kuntrattwali tat-titoli.

## Tranżazzjonijiet riversjati

It-tranżazzjonijiet riversjati huma operazzjonijiet li bihom il-BĊE jixtri jew ibigħ assi bi ftehim ta' riakkwist jew jagħmel operazzjonijiet ta' kreditu bil-kollateral.

Fi ftehim ta' riakkwist, it-titoli jinbiegħu bi flus kontanti bi ftehim li jsir fl-istess ħin biex jerġgħu jinxtraw mingħand il-kontroparti bi prezz miftiehem f'data stabbilita fil-ġejjieni. Kull ftehim ta' riakkwist jidħol fil-kontijiet bħala depożitu kollateralizzat fuq in-naħa tal-passiv tal-Karta tal-Bilanċ. It-titoli li jinbiegħu bi ftehim bħal dan jibqgħu jidhru fil-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE.

Fi ftehim ta' riakkwist riversjat, it-titoli jinxtraw bi flus kontanti bi ftehim li jsir fl-istess ħin biex jerġgħu jinbiegħu lill-kontroparti bi prezz miftiehem f'data stabbilita fil-ġejjieni. Kull ftehim ta' riakkwist riversjat jidħol fil-kontijiet bħala self kollateralizzat fuq in-naħa tal-attiv tal-Karta tal-Bilanċ iżda ma jiġix inkluż fl-investimenti tal-BĊE f'titoli.

It-tranżazzjonijiet riversjati (fosthom tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli) li jsiru fi programm offrut minn istituzzjoni speċjalizzata jidħlu fil-Karta tal-Bilanċ biss meta jiġi provdut kollateral fi flus kontanti u dawn il-flus kontanti jibqgħu ma jiġux investiti.

---

[20] Limitu minimu ta' €100,000 japplika għad-dovuti u l-provedimenti amministrattivi.

## Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ

L-istrumenti tal-munita, jiġifieri t-tranżazzjonijiet *forward* tal-kambju, il-*forward legs* tas-*swaps* tal-kambju u strumenti oħra tal-munita li jinvolvu l-kambju minn munita għall-oħra f'data fil-ġejjieni, jiġu inklużi fil-pożizzjoni netta tal-munita barranija biex jiġi kalkulat il-qligħ u t-telf mill-kambju.

L-istrumenti tar-rati tal-imgħax jiġu rivalutati individwalment. It-tibdil ta' kuljum fil-marġni ta' varjazzjoni tar-rata tal-imgħax ta' kuntratti *futures* miftuħin kif ukoll is-*swaps* tar-rati tal-imgħax li jiġu klerjati permezz ta' kontroparti ċentrali jidħlu fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf. Il-valutazzjoni tat-tranżazzjonijiet *forward* f'titoli u tas-*swaps* tar-rati tal-imgħax li ma jiġux klerjati permezz ta' kontroparti ċentrali tinħadem mill-BĊE b'metodi ta' valutazzjoni aċċettati b'mod ġenerali bi prezzijiet u rati osservabbli tas-suq kif ukoll b'fatturi ta' skont mid-dati tal-konklużjoni tat-tranżazzjonijiet sad-data tal-valutazzjoni.

## Avvenimenti post karta tal-bilanċ

Il-valuri tal-assi u l-obbligazzjonijiet jiġu aġġustati għal avvenimenti li jseħħu bejn id-data tal-karta tal-bilanċ annwali u d-data meta l-Bord Eżekuttiv jawtorizza l-preżentazzjoni tal-Kontijiet Annwali tal-BĊE għall-approvazzjoni tal-Kunsill Governattiv, jekk dawn l-avvenimenti jaffettwaw materjalment il-kundizzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet fid-data tal-karta tal-bilanċ.

Avvenimenti importanti post karta tal-bilanċ li ma jaffettwawx il-kundizzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet fid-data tal-karta tal-bilanċ jidhru fin-noti.

## Bilanċi fi ħdan is-SEBĊ/bilanċi fi ħdan l-Eurosistema

Il-bilanċi fi ħdan is-SEBĊ jiġu primarjament mill-ħlasijiet transkonfinali fl-UE li jiġu konklużi f'euro bi flus tal-banek ċentrali. Dawn it-tranżazzjonijiet fil-biċċa l-kbira tagħhom isiru minn entitajiet privati (i.e. istituzzjonijiet ta' kreditu, korporazzjonijiet u individwi). Jiġu konklużi fit-TARGET2 (*Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer system*) u joħolqu bilanċi bilaterali fil-kontijiet tat-TARGET2 tal-banek ċentrali tal-UE. Dawn il-bilanċi bilaterali jiġu nettjati u wara jiġu assenjati kuljum lill-BĊE, biex hekk kull bank ċentrali nazzjonali jibqa' b'pożizzjoni bilaterali waħda netta *vis-à-vis* il-BĊE biss. Din il-pożizzjoni fil-kotba tal-BĊE tirrappreżenta l-klejm jew l-obbligazzjoni netta ta' kull bank ċentrali nazzjonali mal-bqija tas-SEBĊ. Il-bilanċi fi ħdan l-Eurosistema tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro *vis-à-vis* il-BĊE li jiġu mit-TARGET2, kif ukoll bilanċi oħra fi ħdan l-Eurosistema denominati f'euro (e.g. it-tqassim tal-qligħ interim lill-banek ċentrali nazzjonali) jiġu preżentati fil-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE bħala pożizzjoni waħda netta tal-attiv jew tal-passiv u jidhru fi "Klejms oħra fl-Eurosistema (netti)" jew "Obbligazzjonijiet oħra fl-Eurosistema (netti)". Il-bilanċi fi ħdan is-SEBĊ tal-banek ċentrali nazzjonali barra ż-żona tal-euro *vis-à-vis* il-BĊE, li jiġu mill-parteċipazzjoni

tagħhom fit-TARGET2,[21] jidhru f'"Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'euro".

Il-bilanċi fi ħdan l-Eurosistema mill-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema jidħlu bħala attiv wieħed nett fi "Klejms relatati mal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema" (ara "Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità).

Il-bilanċi fi ħdan l-Eurosistema mit-trasferiment ta' assi f'riżervi barranin lill-BĊE mill-banek ċentrali nazzjonali li jissieħbu fl-Eurosistema huma denominati f'euro u jidħlu f'"Obbligazzjonijiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin".

## Trattament ta' assi fissi

Assi fissi, fosthom assi intanġibbli, iżda bl-eċċezzjoni tal-artijiet u x-xogħlijiet tal-arti, jiġu valutati bil-prezz tal-akkwist li minnu jitnaqqas id-deprezzament. L-artijiet u x-xogħlijiet tal-arti jiġu valutati bil-prezz tal-akkwist. Għad-deprezzament tal-bini ewlieni tal-BĊE, l-ispejjeż jiġu assenjati lill-komponenti xierqa tal-assi li jiġu deprezzati skont il-kalkolu tal-ħajja utli tagħhom. Id-deprezzament jiġi kalkulat bil-metodu *straight-line* matul il-ħajja utli mistennija tal-assi, mit-trimestru ta' wara li l-assi jkunu disponibbli biex jintużaw. Il-ħajja utli applikata għall-kategoriji ewlenin ta' assi tidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Bini | 20, 25 jew 50 sena |
| Impjanti fil-bini | 10 jew 15-il sena |
| Tagħmir tekniku | 4, 10 jew 15-il sena |
| Kompjuters, ħardwer u softwer relatati, u vetturi bil-mutur | 4 snin |
| Għamara | 10 snin |

Il-perjodu ta' deprezzament għan-nefqa kapitalizzata fuq it-tiġdid tal-bini relatata mal-bini mikri bħalissa mill-BĊE ġie aġġustat biex jitqiesu l-avvenimenti li jkollhom impatt fuq il-ħajja utli mistennija tal-assi affettwati.

Assi fissi li jqumu inqas minn €10,000 jiġu kanċellati fis-sena tal-akkwist.

Assi fissi li jikkonformaw mal-kriterji ta' kapitalizzazzjoni iżda li jkunu għadhom qegħdin jinbnew jew jiġu żviluppati jidħlu fl-intestatura "Assi li qegħdin jinbnew". L-ispejjeż relatati jiġu trasferiti fl-intestaturi rilevanti tal-assi fissi meta l-assi jsiru disponibbli biex jintużaw.

## Skemi tal-pensjoni tal-BĊE, benefiċċji oħra ta' wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul

Il-BĊE jħaddem skemi ta' benefiċċji definiti għall-istaff tiegħu u għall-membri tal-Bord Eżekuttiv, kif ukoll għall-membri tal-Bord Superviżorju impjegati mill-BĊE.

[21] Fil-31 ta' Diċembru 2016 il-banek ċentrali nazzjonali barra ż-żona tal-euro li kienu qegħdin jipparteċipaw fit-TARGET2 kienu Българска народна банка (il-Bank Nazzjonali Bulgaru), Danmarks Nationalbank, Hrvatska narodna banka, Narodowy Bank Polski u Banca Naţională a României.

L-iskema ta' pensjoni tal-istaff hija finanzjata b'assi miżmumin f'fond ta' benefiċċji fit-tul għall-impjegati. Il-kontribuzzjonijiet obbligatorji li jsiru mill-BĊE u mill-membri tal-istaff huma 20.7% u 7.4% rispettivament tas-salarju bażiku u huma riflessi fl-istruttura ta' benefiċċji definiti tal-iskema. L-istaff jista' jagħti kontribuzzjonijiet supplimentari minn rajh fi struttura ta' kontribuzzjonijiet definiti li tista' tintuża biex tipprovdi benefiċċji supplimentari.[22] Dawn il-benefiċċji supplimentari jiġu kalkulati bl-ammont tal-kontribuzzjonijiet volontarji flimkien mar-redditi mill-investiment li jiġu minn dawn il-kontribuzzjonijiet.

Hemm provedimenti mhux finanzjati għall-benefiċċji ta' wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul tal-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE u l-membri tal-Bord Superviżorju impjegati mill-BĊE. Għall-membri tal-istaff hemm provedimenti mhux finanzjati għall-benefiċċji ta' wara l-impjieg, barra l-pensjonijiet, u għal benefiċċji oħra fit-tul.

## Obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti

L-obbligazzjoni li tidħol fil-Karta tal-Bilanċ fil-partita "Obbligazzjonijiet oħra" fir-rigward tal-iskemi tal-benefiċċji definiti hija l-valur attwali tal-obbligu tal-benefiċċji definiti fid-data tal-karta tal-bilanċ, li minnu jitnaqqas il-valur ġust tal-assi tal-iskema użati biex jiffinanzjaw l-obbligu.

L-obbligu tal-benefiċċji definiti jiġi kalkulat kull sena minn attwarji indipendenti bl-użu tal-metodu tal-unità ta' kreditu prevista. Il-valur attwali tal-obbligu tal-benefiċċji definiti jiġi kalkulat billi l-valutazzjoni tal-likwidità fil-ġejjieni tiġi skontata b'rata kalkulata b'referenza għar-renditi tas-suq fid-data tal-karta tal-bilanċ ta' bonds korporattivi ta' kwalità tajba denominati f'euro li jkollhom l-istess żmien ta' maturità bħal dak tal-obbligu tal-pensjoni.

Il-qligħ u t-telf attwarjali jista' jiġi minn aġġustamenti għall-esperjenza (fejn ir-riżultati attwali jkunu differenti mit-tbassir attwarjali li jkun sar qabel) u minn tibdil fit-tbassir attwarjali.

## Spiża netta tal-benefiċċji definiti

L-ispiża netta tal-benefiċċji definiti tinqasam f'komponenti li jidħlu fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf u kalkoli ġodda fir-rigward tal-benefiċċji ta' wara l-impjieg li jidħlu fil-"Kontijiet ta' rivalutazzjoni" tal-Karta tal-Bilanċ.

L-ammont nett li jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf jiġbor fih:

(a) l-ispiża tas-servizz kurrenti tal-benefiċċji definiti dovuti għal dik is-sena;

[22] Il-fondi akkumulati minn membru tal-istaff permezz tal-kontribuzzjonijiet volontarji jistgħu jintużaw biex tinxtara pensjoni supplimentari fid-data tal-irtirar. Din il-pensjoni tiġi inkluża fl-obbligu tal-benefiċċji definiti minn dak il-mument 'il quddiem.

(b) l-imgħax nett bir-rata ta' skont fuq l-obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti;

(c) il-kalkoli ġodda fir-rigward ta' benefiċċji oħra fit-tul, fit-totalità tagħhom.

L-ammont nett li jidher fil-"Kontijiet ta' rivalutazzjoni" jiġbor fih:

(a) il-qligħ u t-telf attwarjali fuq l-obbligu tal-benefiċċji definiti;

(b) ir-redditu attwali fuq l-assi tal-iskema, minbarra l-ammonti inklużi fl-imgħax nett fuq l-obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti;

(c) kwalunkwe tibdil fl-effett tal-limitu massimu tal-assi, minbarra l-ammonti inklużi fl-imgħax nett fuq l-obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti.

Dawn l-ammonti jiġu valutati kull sena minn attwarji indipendenti biex jiġi stabbilit il-passiv xieraq fir-rendikonti finanzjarji.

## Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni

Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro, li flimkien jagħmlu l-Eurosistema, joħorġu l-karti tal-euro.[23] It-total tal-valur tal-karti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni jiġi allokat lill-banek ċentrali tal-Eurosistema fl-aħħar jum tax-xogħol ta' kull xahar skont l-iskema tal-allokazzjoni tal-karti tal-flus.[24]

Il-BĊE ġie allokat sehem ta' 8% tal-valur totali tal-karti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni, li jidher fil-Karta tal-Bilanċ fil-partita tal-passiv "Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni". Is-sehem tal-BĊE mill-ħruġ totali ta' karti tal-euro huwa kopert bi klejms mal-banek ċentrali nazzjonali. Dawn il-klejms, li jrendu l-imgħax,[25] jidhru fis-subpartita "Klejms fi ħdan l-Eurosistema: klejms relatati mal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema" (ara "Bilanċi fi ħdan is-SEBĊ/bilanċi fi ħdan l-Eurosistema" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità). Id-dħul mill-imgħax fuq dawn il-klejms jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf fil-partita "Dħul mill-imgħax tal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema".

## Tqassim tal-qligħ interim

Ammont li jkun daqs id-dħul tal-BĊE mill-karti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni u d-dħul mit-titoli miżmumin għall-għanijiet tal-politika monetarja (a) fil-Programm tas-Swieq tat-Titoli, (b) fit-tielet programm ta' xiri ta' bonds garantiti, (c) fil-programm ta' xiri ta' titoli koperti b'assi, u (d) fil-programm ta' xiri ta' assi mis-settur pubbliku jitqassam f'Jannar

---

23 Id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro (riformulazzjoni), ĠU L 35, 9.2.2011, p. 26, kif emendata.

24 "Skema tal-allokazzjoni tal-karti tal-flus" tfisser il-perċentwali li jirriżulta meta jitqies is-sehem tal-BĊE mill-ħruġ totali ta' karti tal-euro u tiġi applikata l-iskema tal-kapital sottoskritt għas-sehem tal-banek ċentrali nazzjonali minn dak it-total.

25 Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 tal-BĊE tat-3 ta' Novembru 2016 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2016/36), ĠU L 347, 20.12.2016, p. 26.

tas-sena ta' wara permezz ta' tqassim tal-qligħ interim, sakemm il-Kunsill Governattiv ma jiddeċidix mod ieħor.[26] L-ammont jitqassam kollu sakemm ma jkunx ogħla mill-qligħ nett tal-BĊE għal dik is-sena, u suġġett għal deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv li jagħmel trasferimenti fil-provediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb. Il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi wkoll li jnaqqas l-ammont tat-tqassim tal-qligħ interim bl-ammont tal-ispejjeż imġarrbin mill-BĊE biex joħroġ u jipproċessa l-karti tal-euro.

## Riklassifikazzjonijiet

Id-dħul mill-imgħax (e.g. l-imgħax tal-kupun) u l-ispiża tal-imgħax (e.g. l-amortizzament tal-primjum) minn titoli miżmumin għall-għanijiet tal-politika monetarja qabel kienu jiġu preżentati grossi fl-intestaturi "Dħul ieħor mill-imgħax" u "Spejjeż oħra tal-imgħax" rispettivament. Sabiex jiġi armonizzat fil-livell tal-Eurosistema r-rappurtar tad-dħul u l-ispiża tal-imgħax minn operazzjonijiet tal-politika monetarja, il-BĊE ddeċieda li mill-2016 dawn il-partiti jibdew jidhru netti jew fi "Dħul ieħor mill-imgħax" jew fi "Spejjeż oħra tal-imgħax", skont jekk l-ammont nett ikunx pożittiv jew negattiv. L-ammonti komparabbli għall-2015 ġew aġġustati kif jidher hawn taħt:

| | Ippubblikat fl-2015<br>€ | Aġġustament minħabba riklassifikazzjoni<br>€ | Ammont ridikjarat<br>€ |
|---|---|---|---|
| Dħul ieħor mill-imgħax | 2,168,804,955 | (435,885,764) | 1,732,919,191 |
| Spejjeż oħra tal-imgħax | (1,001,272,846) | 435,885,764 | (565,387,082) |

Ir-riklassifikazzjoni ma kellha ebda impatt fuq il-qligħ nett rappurtat fl-2015.

## Affarijiet oħra

Fir-rigward tas-sehem tal-BĊE bħala bank ċentrali, il-pubblikazzjoni ta' rapport fuq il-likwidità ma tipprovdi ebda tagħrif supplimentari rilevanti għall-qarrejja tar-rendikonti finanzjarji.

Skont l-Artikolu 27 tal-Istatut tas-SEBĊ u abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv, il-Kunsill tal-UE approva l-ħatra ta' *Ernst & Young GmbH Wirtschaftsprüfungsgesellschaft*, Stuttgart (Repubblika Federali tal-Ġermanja) bħala l-awdituri esterni tal-BĊE għal perjodu ta' ħames snin sa tmiem is-sena finanzjarja 2017.

[26] Id-Deċiżjoni (UE) 2015/298 tal-BĊE tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar it-tqassim interim tad-dħul tal-BĊE (riformulazzjoni) (BĊE/2014/57), ĠU L 53, 25.2.2015, p. 24, kif emendata.

# Noti fuq il-Karta tal-Bilanċ

## 1 Deheb u ammonti riċevibbli f'deheb

Fil-31 ta' Diċembru 2016 il-BĊE kellu 16,229,522 uqija fina[27] ta' deheb. Fl-2016 ma saret ebda tranżazzjoni fid-deheb u l-investimenti tal-BĊE għalhekk baqgħu l-istess meta jitqabblu mal-livell tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2015. Iż-żieda fil-valur ekwivalenti f'euro ta' dawn l-investimenti kienet dovuta għaż-żieda fil-prezz tad-deheb fl-2016 (ara "Assi u obbligazzjonijiet f'deheb u f'munita barranija" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità u n-nota 14 "Kontijiet ta' rivalutazzjoni").

## 2 Klejms ma' residenti barra ż-żona tal-euro u taż-żona tal-euro denominati f'munita barranija

### 2.1 Ammonti ricevibbli mill-FMI

Dan l-attiv jirrappreżenta l-investimenti tal-BĊE fi drittijiet speċjali ta' kreditu (SDRs) fil-31 ta' Diċembru 2016. Joħroġ mir-riżultat ta' dispożizzjoni reċiproka mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) ta' xiri u bejgħ ta' SDRs li biha l-FMI huwa awtorizzat jiddisponi l-bejgħ jew l-akkwist ta' SDRs bl-euro, f'isem il-BĊE, f'limiti li jiddefinixxu l-anqas u l-ogħla investiment. Għall-għanijiet tal-kontabilità, l-SDRs jitqiesu bħala munita barranija (ara "Assi u obbligazzjonijiet f'deheb u f'munita barranija" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità).

### 2.2 Bilanċi ma' banek u investimenti f'titoli, self estern u assi esterni oħra; u klejms ma' residenti taż-żona tal-euro denominati f'munita barranija

Dawn iż-żewġ partiti jikkonsistu f'bilanċi ma' banek u self denominat f'munita barranija, u f'investimenti f'titoli denominati f'dollari Amerikani u yen Ġappuniżi.

| Klejms ma' residenti barra ż-żona tal-euro | 2016<br>€ | 2015<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Kontijiet kurrenti | 6,844,526,120 | 4,398,616,340 | 2,445,909,780 |
| Depożiti fis-suq monetarju | 2,005,810,644 | 1,666,345,182 | 339,465,462 |
| Ftehim riversjat ta' riakkwist | 503,747,273 | 831,266,648 | (327,519,375) |
| Investimenti f'titoli | 41,066,843,366 | 42,133,979,087 | (1,067,135,721) |
| **Total** | **50,420,927,403** | **49,030,207,257** | **1,390,720,146** |

27 Dan jikkorrispondi għal piż ta' 504.8 tunnellata.

| Klejms ma’ residenti taż-żona tal-euro | 2016<br>€ | 2015<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Kontijiet kurrenti | 1,211,369 | 953,098 | 258,271 |
| Depożiti fis-suq monetarju | 1,964,182,715 | 1,861,761,734 | 102,420,981 |
| Ftehim riversjat ta’ riakkwist | 507,541,979 | 0 | 507,541,979 |
| Investimenti f’titoli | 0 | 0 | 0 |
| **Total** | **2,472,936,063** | **1,862,714,832** | **610,221,231** |

Iż-żieda f’dawn il-partiti fl-2016 kienet dovuta l-aktar għall-apprezzament tad-dollaru Amerikan u l-yen Ġappuniż mal-euro.

L-investimenti netti tal-BĊE f’munita barranija f’dollari Amerikani u yen Ġappuniżi[28] fil-31 ta’ Diċembru 2016 jidhru hawn taħt:

| | 2016<br>Munita f’miljuni | 2015<br>Munita f’miljuni |
|---|---|---|
| Dollari Amerikani | 46,759 | 46,382 |
| Yen Ġappuniżi | 1,091,844 | 1,085,596 |

# 3 Klejms oħra ma’ istituzzjonijiet ta’ kreditu taż-żona tal-euro denominati f’euro

Fil-31 ta’ Diċembru 2016 din il-partita kienet tikkonsisti f’kontijiet kurrenti ma’ residenti taż-żona tal-euro.

# 4 Titoli ta’ residenti taż-żona tal-euro denominati f’euro

## 4.1 Titoli miżmuma għall-għanijiet tal-politika monetarja

Fil-31 ta’ Diċembru 2016 din il-partita kienet tikkonsisti f’titoli akkwistati mill-BĊE fl-ambitu tat-tliet programmi ta’ xiri ta’ bonds garantiti, il-Programm tas-Swieq tat-Titoli (SMP), il-programm ta’ xiri ta’ titoli koperti b’assi (ABSPP) u l-programm ta’ xiri mis-settur pubbliku (PSPP).

L-akkwist fl-ewwel programm ta’ xiri ta’ bonds garantiti ntemm fit-30 ta’ Ġunju 2010 filwaqt li t-tieni programm ta’ xiri ta’ bonds garantiti ntemm fil-31 ta’ Ottubru 2012. L-SMP intemm fis-6 ta’ Settembru 2012.

28 Dawn l-investimenti jikkonsistu f’assi li minnhom jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet denominati fil-munita barranija partikolari li huma suġġetti għal rivalutazzjoni tal-munita barranija. Jidħlu fl-intestaturi “Klejms ma’ residenti barra ż-żona tal-euro denominati f’munita barranija”, “Klejms ma’ residenti taż-żona tal-euro denominati f’munita barranija”, “Dovuti u spejjeż imħallsin bil-quddiem”, “Differenzi fir-rivalutazzjoni ta’ strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ” (in-naħa tal-passiv) u “Dovuti u dħul miġbur bil-quddiem” u jinkludu t-tranżazzjonijiet *forward* u *swap* tal-kambju li jinsabu f’partiti esklużi mill-karta tal-bilanċ. Il-qligħ fuq il-prezz ta’ strumenti finanzjarji denominati f’munita barranija li jkun ġej minn rivalutazzjonijiet mhuwiex inkluż.

Fl-2016 il-programmi tal-Eurosistema li jikkostitwixxu l-programm tax-xiri ta' assi (APP),[29] i.e. it-tielet programm ta' xiri ta' bonds garantiti (CBPP3), l-ABSPP u l-PSPP, ġew supplimentati bir-raba' komponent, il-programm ta' xiri mis-settur korporattiv (CSPP).[30] Fl-2016 il-Kunsill Governattiv ħa deċiżjonijiet li kellhom impatt dirett kemm fuq ir-ritmu tal-akkwist ta' kull xahar kif ukoll fuq it-tul ta' żmien tal-APP.[31] Dawn id-deċiżjonijiet kienu li (i) jiżdiedu l-akkwisti netti aggregati ta' kull xahar fl-APP mill-banek ċentrali nazzjonali u mill-BĊE minn €60 biljun għal €80 biljun bħala medja minn April 2016; u li (ii) ikomplu l-akkwisti netti fl-APP wara Marzu 2017 bir-ritmu ta' €60 biljun kull xahar sal-aħħar ta' Diċembru 2017 jew wara, jekk ikun meħtieġ u, f'kull każ, sakemm il-Kunsill Governattiv jara aġġustament sostnut fix-xejra tal-inflazzjoni li tkun konsistenti mal-għan tiegħu għall-inflazzjoni.[32] L-akkwisti netti se jsiru flimkien mal-investiment mill-ġdid tal-pagamenti prinċipali minn titoli li jimmaturaw u li jkunu nxtraw fil-programm APP.

It-titoli akkwistati f'dawn il-programmi kollha jiġu valutati b'kost amortizzat suġġett għal indeboliment (ara "Titoli" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità).

Il-kost amortizzat tat-titoli miżmumin mill-BĊE kif ukoll il-valur tas-suq tagħhom[33] (li ma jidħolx fil-Karta tal-Bilanċ jew fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf iżda jingħata biss għall-finijiet ta' tqabbil) jidhru hawn taħt:

| | 2016 € | | 2015 € | | Bidla € | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kost amortizzat | Valur tas-suq | Kost amortizzat | Valur tas-suq | Kost amortizzat | Valur tas-suq |
| L-ewwel programm ta' xiri ta' bonds garantiti | 1,032,305,522 | 1,098,106,253 | 1,786,194,503 | 1,898,990,705 | (753,888,981) | (800,884,452) |
| It-tieni programm ta' xiri ta' bonds garantiti | 690,875,649 | 743,629,978 | 933,230,549 | 1,013,540,352 | (242,354,900) | (269,910,374) |
| It-tielet programm ta' xiri ta' bonds garantiti | 16,550,442,553 | 16,730,428,857 | 11,457,444,451 | 11,396,084,370 | 5,092,998,102 | 5,334,344,487 |
| Programm tas-Swieq tat-Titoli (SMP) | 7,470,766,415 | 8,429,995,853 | 8,872,443,668 | 10,045,312,608 | (1,401,677,253) | (1,615,316,755) |
| Programm ta' xiri ta' titoli koperti b'assi (ABSPP) | 22,800,124,065 | 22,786,088,513 | 15,321,905,622 | 15,220,939,054 | 7,478,218,443 | 7,565,149,459 |
| Programm ta' xiri mis-settur pubbliku (PSPP) | 112,270,760,463 | 112,958,545,591 | 39,437,433,065 | 39,372,318,024 | 72,833,327,398 | 73,586,227,567 |
| **Total** | **160,815,274,667** | **162,746,795,045** | **77,808,651,858** | **78,947,185,113** | **83,006,622,809** | **83,799,609,932** |

It-tnaqqis fil-kost amortizzat tal-portafolli miżmumin fl-ewwel u t-tieni programm ta' xiri ta' bonds garantiti u fl-SMP kien dovut għall-fidi.

Il-Kunsill Governattiv jevalwa regolarment ir-riskji finanzjarji assoċjati mat-titoli miżmumin f'dawn il-programmi kollha.

It-testijiet tal-indeboliment isiru kull sena bl-użu ta' dejta ta' tmiem is-sena u jiġu approvati mill-Kunsill Governattiv. F'dawn it-testijiet, l-indikaturi tal-indeboliment jiġu

[29] Dettalji oħra fuq l-APP jinsabu fil-websajt tal-BĊE.

[30] F'dan il-programm, il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jakkwistaw bonds bi grad ta' investiment denominati f'euro maħruġin minn korporazzjonijiet li mhumiex banek stabbiliti fiż-żona tal-euro. Il-BĊE ma jakkwistax titoli f'dan il-programm.

[31] Ara l-istqarrijiet għall-istampa tal-BĊE tal-10 ta' Marzu 2016 u tat-8 ta' Diċembru 2016.

[32] Biex jasal għall-istabbiltà tal-prezzijiet, il-BĊE jara li jżomm ir-rati tal-inflazzjoni taħt iżda qrib 2% għal żmien medju.

[33] Il-valuri tas-suq huma indikattivi u jinħadmu abbażi ta' kwotazzjonijiet tas-suq. Meta l-kwotazzjonijiet tas-suq ma jkunux disponibbli, il-prezzijiet tas-suq jiġu kalkulati bl-użu ta' mudelli interni tal-Eurosistema.

valutati separatament għal kull programm. Fil-każijiet fejn l-indikaturi tal-indeboliment ġew osservati, saret analiżi oħra biex tikkonferma li l-flussi tal-likwidità tat-titoli ta' bażi ma ġewx affettwati minn xi avveniment ta' indeboliment. Skont ir-riżultati tat-testijiet tal-indeboliment ta' din is-sena, ma sar ebda telf mit-titoli miżmumin fil-portafolli tal-politika monetarja fl-2016.

# 5 Klejms fi ħdan l-Eurosistema

## 5.1 Klejms relatati mal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema

Din il-partita tikkonsisti fil-klejms tal-BĊE *vis-à-vis* il-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro relatati mal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema (ara "Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità). Ir-remunerazzjoni ta' dawn il-klejms tiġi kalkulata kuljum bl-aħħar rata tal-imgħax marġinali disponibbli użata mill-Eurosistema fl-offerti tagħha għall-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament[34] (ara n-nota 22.2 "Dħul mill-imgħax tal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema").

# 6 Assi oħra

## 6.1 Assi fissi tanġibbli u intanġibbli

Dawn l-assi kienu jikkonsistu fl-oġġetti li jidhru hawn taħt fil-31 ta' Diċembru 2016:

[34] Mis-16 ta' Marzu 2016 ir-rata tal-imgħax użata mill-Eurosistema fl-offerti tagħha għall-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament kienet 0.00%.

| | 2016<br>€ | 2015<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| **Spiża** | | | |
| Artijiet u bini | 1,011,662,911 | 1,027,242,937 | (15,580,026) |
| Impjanti fil-bini | 221,888,762 | 219,897,386 | 1,991,376 |
| Ħardwer u softwer tal-kompjuters | 88,893,887 | 77,350,193 | 11,543,694 |
| Tagħmir, għamara u vetturi bil-mutur | 96,197,706 | 92,000,437 | 4,197,269 |
| Assi li qegħdin jinbnew | 3,024,459 | 244,590 | 2,779,869 |
| Assi fissi oħra | 9,713,742 | 9,453,181 | 260,561 |
| **Spiża totali** | **1,431,381,467** | **1,426,188,724** | **5,192,743** |
| **Deprezzament akkumulat** | | | |
| Artijiet u bini | (72,284,513) | (79,468,891) | 7,184,378 |
| Impjanti fil-bini | (31,590,282) | (15,827,521) | (15,762,761) |
| Ħardwer u softwer tal-kompjuters | (57,935,440) | (45,530,493) | (12,404,947) |
| Tagħmir, għamara u vetturi bil-mutur | (29,107,438) | (20,831,615) | (8,275,823) |
| Assi fissi oħra | (1,138,207) | (883,374) | (254,833) |
| **Total tad-deprezzament akkumulat** | **(192,055,880)** | **(162,541,894)** | **(29,513,986)** |
| **Valur nett deprezzat** | **1,239,325,587** | **1,263,646,830** | **(24,321,243)** |

It-tnaqqis nett fil-kategorija tal-ispiża “Artijiet u bini” u d-deprezzament akkumulat korrispondenti kien dovut l-aktar minħabba li ma baqgħetx rikonoxxuta l-ispiża kapitalizzata għar-rinnovament ta’ oġġetti li ma jintużawx.

## 6.2 Assi finanzjarji oħra

Din il-partita tikkonsisti l-aktar fl-investiment tal-fondi proprji tal-BĊE,[35] miżmum bħala kontroparti diretta għall-kapital u r-riżervi, u l-provediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb. Tinkludi wkoll 3,211-il sehem fil-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BIS) bil-prezz tal-akkwist ta’ €41.8 miljun.

Il-komponenti ta’ din il-partita jidhru hawn taħt:

| | 2016<br>€ | 2015<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Kontijiet kurrenti f’euro | 30,000 | 30,000 | - |
| Titoli denominati f’euro | 19,113,074,101 | 19,192,975,459 | (79,901,358) |
| Ftehim riversjat ta’ riakkwist f’euro | 1,463,994,460 | 1,188,997,789 | 274,996,671 |
| Assi finanzjarji oħra | 41,830,662 | 41,914,335 | (83,673) |
| **Total** | **20,618,929,223** | **20,423,917,583** | **195,011,640** |

Iż-żieda netta f’din il-partita fl-2016 kienet dovuta l-aktar għall-investiment mill-ġdid tad-dħul mill-imgħax iġġenerat mill-portafoll tal-fondi proprji.

[35] Kull ftehim ta’ riakkwist li jsir fl-ambitu tal-ġestjoni tal-portafoll tal-fondi proprji jidħol fil-partita “Varji” fuq in-naħa tal-passiv (ara n-nota 12.3 “Varji”).

## 6.3 Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ

Din il-partita tikkonsisti l-aktar f'tibdil fil-valutazzjoni tat-tranżazzjonijiet *swap* u *forward* f'munita barranija li kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2016 (ara n-nota 19 "Tranżazzjonijiet *swap* u *forward* tal-kambju"). Dan it-tibdil fil-valutazzjoni huwa dovut għat-tisrif ta' tranżazzjonijiet simili fl-ekwivalenti f'euro bir-rati tal-kambju tad-data tal-karta tal-bilanċ, imqabblin mal-valuri f'euro dovuti għat-tisrif tat-tranżazzjonijiet bil-prezz medju tal-munita barranija rispettiva f'dik id-data (ara "Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ" u "Assi u obbligazzjonijiet f'deheb u f'munita barranija" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità).

Il-qligħ mill-valutazzjoni tat-tranżazzjonijiet *swap* pendenti tar-rata tal-imgħax jidħol ukoll f'din il-partita (ara n-nota 18 "*Swaps* tar-rata tal-imgħax").

## 6.4 Dovuti u spejjeż imħallsin bil-quddiem

Fl-2016 din il-partita kienet tinkludi l-imgħax tal-kupun dovut fuq it-titoli, inkluż l-imgħax pendenti mħallas mal-akkwist, li kien ta' €1,924.5 miljun (2015: €1,186.6 miljun) (ara n-nota 2.2 "Bilanċi ma' banek u investimenti f'titoli, self estern u assi esterni oħra; u klejms ma' residenti taż-żona tal-euro denominati f'munita barranija", in-nota 4 "Titoli ta' residenti taż-żona tal-euro denominati f'euro" u n-nota 6.2 "Assi finanzjarji oħra").

Barra minn hekk, din il-partita tinkludi (a) dħul dovut minn proġetti komuni tal-Eurosistema (ara n-nota 27 "Dħul ieħor"), (b) dħul dovut mill-imgħax fuq assi finanzjarji oħra u (c) ħlasijiet varji bil-quddiem.

## 6.5 Varji

Din il-partita kienet tinkludi l-ammonti dovuti mit-tqassim tal-qligħ interim tal-BĊE (ara "Tqassim tal-qligħ interim" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità u n-nota 11.2 "Klejms oħra fi ħdan l-Eurosistema (netti)").

Tinkludi wkoll bilanċi relatati mat-tranżazzjonijiet *swap* u *forward* f'munita barranija pendenti fil-31 ta' Diċembru 2016 li joħorġu mit-tisrif ta' dawn it-tranżazzjonijiet fl-ekwivalenti tagħhom f'euro bil-prezz medju tal-munita rispettiva fid-data tal-karta tal-bilanċ, imqabblin mal-valuri f'euro li bihom it-tranżazzjonijiet daħlu għall-ewwel darba (ara "Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità).

# 7 Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni

Din il-partita tikkonsisti fis-sehem tal-BĊE (8%) mit-total ta' karti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni (ara "Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità).

## 8 Obbligazzjonijiet oħra ma' istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona tal-euro denominati f'euro

Fit-8 ta' Diċembru 2016 il-Kunsill Governattiv iddeċieda li l-banek ċentrali tal-Eurosistema se jkunu jistgħu jaċċettaw ukoll flus kontanti bħala kollateral fil-faċilitajiet tagħhom ta' self ta' titoli fil-PSPP, bla ma jkollhom jinvestuhom mill-ġdid. Għall-BĊE, dawn l-operazzjonijiet isiru permezz ta' istituzzjoni speċjalizzata.

Fil-31 ta' Diċembru 2016, tranżazzjonijiet simili ta' self ta' titoli fil-PSPP b'valur ta' €1.9 biljun li saru ma' istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona tal-euro baqgħu pendenti. Il-flus kontanti li daħlu bħala kollateral ġew trasferiti fil-kontijiet TARGET2 (ara n-nota 11.2 "Klejms oħra fi ħdan l-Eurosistema (netti)"). Billi l-flus kontanti baqgħu ma ġewx investiti sa tmiem is-sena, dawn it-tranżazzjonijiet daħlu fil-Karta tal-Bilanċ (ara "Tranżazzjonijiet riversjati" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità).[36]

## 9 Obbligazzjonijiet ma' residenti oħra taż-żona tal-euro denominati f'euro

### 9.1 Obbligazzjonijiet oħra

Din il-partita tiġbor fiha depożiti tal-membri tal-*Euro Banking Association* (EBA) li jintużaw bħala fond ta' garanzija għall-ħlas tal-EURO1[37] fis-sistema TARGET2.

## 10 Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'euro

Fil-31 ta' Diċembru 2016 din il-partita kienet tinkludi ammont ta' €9.5 biljun (2015: €1.5 biljun) li kien jikkonsisti f'bilanċi miżmumin mal-BĊE minn banek ċentrali barra ż-żona tal-euro li joħorġu minn, jew li huma l-kontroparti ta', tranżazzjonijiet proċessati permezz tas-sistema TARGET2. Iż-żieda f'dawn il-bilanċi fl-2016 kienet dovuta għall-ħlasijiet minn residenti taż-żona tal-euro lil residenti barra ż-żona tal-euro (ara n-nota 11.2 "Obbligazzjonijiet oħra fl-Eurosistema (netti)").

Din il-partita kienet tinkludi wkoll ammont ta' €4.1 biljun (2015: €0.8) li joħroġ mid-dispożizzjoni reċiproka permanenti tal-munita mal-Federal Reserve. B'din id-dispożizzjoni, il-Federal Reserve jipprovdi dollari Amerikani lill-BĊE permezz ta' tranżazzjonijiet *swap* biex jiġi provdut finanzjament f'dollari Amerikani għal żmien qasir lil kontropartijiet fl-Eurosistema. Il-BĊE jagħmel tranżazzjonijiet *swap back-to-back* simultanji mal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro li jużaw dawn il-fondi biex imexxu operazzjonijiet għall-provediment ta' likwidità f'dollari Amerikani ma'

[36] It-tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli li ma jirriżultawx f'kollateral ta' flus kontanti mhux investit fi tmiem is-sena jidħlu fil-kontijiet esklużi mill-karta tal-bilanċ (ara n-nota 16 "Programmi ta' self ta' titoli").

[37] Il-EURO1 hija sistema ta' ħlas imħaddma mill-EBA.

kontropartijiet fl-Eurosistema bħala tranżazzjonijiet riversjati. It-tranżazzjonijiet *swap back-to-back* joħolqu bilanċi fi ħdan l-Eurosistema bejn il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali (ara n-nota 11.2 "Obbligazzjonijiet oħra fl-Eurosistema (netti)"). Barra minn hekk, it-tranżazzjonijiet *swap* li jsiru mal-Federal Reserve u l-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro joħolqu klejms u obbligazzjonijiet *forward* li jidħlu fil-kontijiet esklużi mill-karta tal-bilanċ (ara n-nota 19 "Tranżazzjonijiet *swap* u *forward* tal-kambju").

Il-bqija ta' din il-partita kienet tikkonsisti f'ammont ta' €3.1 biljun (2015: €0) minn tranżazzjonijiet pendenti ta' self ta' titoli fil-PSPP li saru ma' residenti barra ż-żona tal-euro, fejn daħlu flus kontanti bħala kollateral u ġew trasferiti għall-kontijiet tat-TARGET2 (ara n-nota 8 "Obbligazzjonijiet oħra ma' istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona tal-euro denominati f'euro").

## 11 Obbligazzjonijiet fi ħdan l-Eurosistema

### 11.1 Obbligazzjonijiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin

Dawn jirrappreżentaw l-obbligazzjonijiet mal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro li ħarġu mit-trasferiment ta' assi f'riżervi barranin lill-BĊE meta ssieħbu fl-Eurosistema. Ma kienx hemm tibdil fl-2016.

| | Mill-<br>1 ta' Jannar 2015<br>€ |
|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 1,435,910,943 |
| Deutsche Bundesbank | 10,429,623,058 |
| Eesti Pank | 111,729,611 |
| Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland | 672,637,756 |
| Bank of Greece | 1,178,260,606 |
| Banco de España | 5,123,393,758 |
| Banque de France | 8,216,994,286 |
| Banca d'Italia | 7,134,236,999 |
| Central Bank of Cyprus | 87,679,928 |
| Latvijas Banka | 163,479,892 |
| Lietuvos bankas | 239,453,710 |
| Banque centrale du Luxembourg | 117,640,617 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 37,552,276 |
| De Nederlandsche Bank | 2,320,070,006 |
| Oesterreichische Nationalbank | 1,137,636,925 |
| Banco de Portugal | 1,010,318,483 |
| Banka Slovenije | 200,220,853 |
| Národná banka Slovenska | 447,671,807 |
| Suomen Pankki – Finlands Bank | 728,096,904 |
| **Total** | **40,792,608,418** |

Ir-remunerazzjoni ta' dawn l-obbligazzjonijiet tiġi kalkulata kuljum bl-aħħar rata tal-imgħax marġinali disponibbli użata mill-Eurosistema fl-offerti tagħha għall-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament, aġġustata biex ma tirrifletti ebda qligħ mill-komponent tad-deheb (ara n-nota 22.3 "Remunerazzjoni ta' klejms ta' banek ċentrali nazzjonali fir-rigward ta' riżervi barranin trasferiti").

## 11.2 Obbligazzjonijiet oħra fl-Eurosistema (netti)

Fl-2016 din il-partita kienet tikkonsisti l-aktar fil-bilanċi tat-TARGET2 tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro *vis-à-vis* il-BĊE (ara "Bilanċi fi ħdan is-SEBĊ/bilanċi fi ħdan l-Eurosistema" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità). Iż-żieda netta f'din il-pożizzjoni rriżultat l-aktar mill-akkwisti ta' titoli fl-APP (ara n-nota 4 "Titoli ta' residenti taż-żona tal-euro denominati f'euro") li ġew konklużi permezz tal-kontijiet TARGET2. L-impatt tal-akkwisti ġie paċut parzjalment (a) bil-konklużjoni fit-TARGET2 ta' ħlasijiet minn residenti fiż-żona tal-euro lil residenti barra ż-żona tal-euro (ara n-nota 10 "Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'euro"); (b) bil-flus kontanti li daħlu bħala kollateral għas-self ta' titoli fil-PSPP (ara n-nota 8 "Obbligazzjonijiet oħra ma' istituzzjonijiet ta' kreditu denominati f'euro" u n-nota 10 "Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'euro"); (c) biż-żieda fl-ammonti ta' tranżazzjonijiet *swap back-to-back* li saru mal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-operazzjonijiet għall-provediment ta' likwidità f'dollari Amerikani; u (d) bil-fidi ta' titoli akkwistati fl-SMP u fl-ewwel żewġ programmi ta' xiri ta' bonds garantiti, konkluż ukoll permezz tal-kontijiet TARGET2.

Ir-remunerazzjoni tal-pożizzjonijiet tat-TARGET2, ħlief il-bilanċi mit-tranżazzjonijiet *swap back-to-back* fir-rigward tal-operazzjonijiet għall-provvediment ta' likwidità f'dollari Amerikani, tiġi kkalkulata kuljum bl-aħħar rata tal-imgħax marġinali disponibbli użata mill-Eurosistema fl-offerti tagħha għall-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament.

Din il-partita kienet tinkludi wkoll l-ammont dovut lill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fir-rigward tat-tqassim tal-qligħ interim tal-BĊE (ara "Tqassim tal-qligħ interim" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità).

| | 2016<br>€ | 2015<br>€ |
|---|---|---|
| Dovuti lill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fir-rigward tat-TARGET2 | 1,058,484,156,256 | 812,734,808,529 |
| Dovuti mill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fir-rigward tat-TARGET2 | (908,249,140,203) | (730,463,422,714) |
| Dovuti lill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fir-rigward tat-tqassim tal-qligħ interim tal-BĊE | 966,234,559 | 812,134,494 |
| **Obbligazzjonijiet oħra fl-Eurosistema (netti)** | **151,201,250,612** | **83,083,520,309** |

# 12 Obbligazzjonijiet oħra

## 12.1 Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ

Din il-partita tikkonsisti l-aktar f'tibdil fil-valutazzjoni tat-tranżazzjonijiet *swap* u *forward* f'munita barranija li kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2016 (ara n-nota 19 "Tranżazzjonijiet *swap* u *forward* tal-kambju"). Dan it-tibdil fil-valutazzjoni huwa dovut għat-tisrif ta' tranżazzjonijiet simili fl-ekwivalenti f'euro bir-rati tal-kambju tad-data tal-karta tal-bilanċ, imqabblin mal-valuri f'euro dovuti għat-tisrif tat-tranżazzjonijiet bil-prezz medju tal-munita barranija rispettiva f'dik id-data (ara "Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ" u "Assi u obbligazzjonijiet f'deheb u f'munita barranija" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità).

It-telf mill-valutazzjoni tas-*swaps* tar-rata tal-imgħax pendenti jidħol ukoll f'din il-partita (ara n-nota 18 "*Swaps* tar-rata tal-imgħax").

## 12.2 Dovuti u dħul miġbur bil-quddiem

Fil-31 ta' Diċembru 2016 din il-partita kienet tinkludi dħul miġbur bil-quddiem fir-rigward tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) (ara n-nota 25 "Dħul u spejjeż relatati mal-kompiti superviżorji"), dovuti amministrattivi u dovuti fuq strumenti finanzjarji.

Din il-partita kienet tinkludi wkoll l-imgħax dovut pagabbli lill-banek ċentrali nazzjonali għas-sena 2016 sħiħa fir-rigward tal-klejms tagħhom relatati mar-riżervi barranin trasferiti lill-BĊE (ara n-nota 11.1 "Obbligazzjonijiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin"). Dan l-ammont tħallas f'Jannar 2017.

| | 2016<br>€ | 2015<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Dovuti amministrattivi | 20,723,173 | 20,455,723 | 267,450 |
| Strumenti finanzjarji | 3,621,142 | 2,191,753 | 1,429,389 |
| Dħul tal-MSU miġbur bil-quddiem | 41,089,798 | 18,926,078 | 22,163,720 |
| Riżervi barranin trasferiti lill-BĊE | 3,611,845 | 17,576,514 | (13,964,669) |
| TARGET2 | - | 36,393,921 | (36,393,921) |
| **Total** | **69,045,958** | **95,543,989** | **(26,498,031)** |

## 12.3 Varji

Fl-2016 din il-partita kienet tinkludi l-bilanċi relatati ma' tranżazzjonijiet *swap* u *forward* f'munita barranija li kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2016 (ara n-nota 19 "Tranżazzjonijiet *swap* u *forward* tal-kambju"). Dawn il-bilanċi ħarġu mit-tisrif ta' tranżazzjonijiet simili fl-ekwivalenti f'euro bil-prezz medju tal-munita rispettiva fid-data tal-karta tal-bilanċ, imqabbel mal-valuri f'euro li bihom it-tranżazzjonijiet daħlu fil-kontijiet għall-ewwel darba (ara "Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità).

Barra minn hekk, din il-partita kienet tinkludi l-obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti tal-BĊE fir-rigward tal-benefiċċji ta' wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul tal-istaff tiegħu u tal-membri tal-Bord Eżekuttiv kif ukoll tal-membri tal-Bord Superviżorju impjegati mill-BĊE.

### *Skemi tal-pensjoni tal-BĊE, benefiċċji oħra ta' wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul* [38]

### Karta tal-Bilanċ

L-ammonti rikonoxxuti fil-Karta tal-Bilanċ fir-rigward tal-benefiċċji ta' wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul għall-impjegati jidhru hawn taħt:

| | 2016<br>Staff<br>€ miljuni | 2016<br>Bordijiet<br>€ miljuni | 2016<br>Total<br>€ miljuni | 2015<br>Staff<br>€ miljuni | 2015<br>Bordijiet<br>€ miljuni | 2015<br>Total<br>€ miljuni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Valur attwali tal-obbligu | 1,361.3 | 27.7 | 1,388.9 | 1,116.7 | 24.1 | 1,140.8 |
| Valur ġust tal-assi tal-iskema | (878.0) | - | (878.0) | (755.3) | - | (755.3) |
| **Obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti fil-Karta tal-Bilanċ** | **483.3** | **27.7** | **510.9** | **361.4** | **24.1** | **385.5** |

Fl-2016 il-valur attwali tal-obbligu *vis-à-vis* l-istaff ta' €1,361.3 miljun (2015: €1,116.7 miljun) kien jinkludi benefiċċji mhux finanzjati ta' €187.0 miljun (2015: €155.9 miljun) relatati mal-benefiċċji ta' wara l-impjieg, barra l-pensjonijiet, u ma' benefiċċji oħra fit-

[38] It-totali fit-tabelli ta' din it-taqsima jistgħu ma jaqblux minħabba t-tqarrib. Il-kolonni bl-isem "Bordijiet" jagħtu l-ammonti fir-rigward kemm tal-Bord Eżekuttiv kif ukoll tal-Bord Superviżorju.

tul. Hemm ukoll dispożizzjonijiet mhux finanzjati għall-benefiċċji ta' wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul tal-membri tal-Bord Eżekuttiv u tal-membri tal-Bord Superviżorju.

## Kont tal-Qligħ u t-Telf

L-ammonti li jidhru fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf fl-2016 huma dawn:

| | 2016 Staff € miljuni | 2016 Bordijiet € miljuni | 2016 Total € miljuni | 2015 Staff € miljuni | 2015 Bordijiet € miljuni | 2015 Total € miljuni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Spiża tas-servizz kurrenti | 104.4 | 1.6 | 106.0 | 120.0 | 1.9 | 121.9 |
| Imgħax nett fuq l-obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti | 9.7 | 0.6 | 10.3 | 9.5 | 0.5 | 10.0 |
| *li minnu:* | | | | | | |
| *Spiża tal-obbligu* | *29.1* | *0.6* | *29.8* | *22.9* | *0.5* | *23.4* |
| *Dħul mill-assi tal-iskema* | *(19.5)* | *-* | *(19.5)* | *(13.4)* | *-* | *(13.4)* |
| (Qligħ)/telf bil-kalkoli ġodda fuq benefiċċji oħra fit-tul | 0.6 | 0.1 | 0.7 | 2.6 | (0.1) | 2.5 |
| **Total inkluż fi "Spejjeż tal-istaff"** | **114.6** | **2.4** | **117.0** | **132.1** | **2.3** | **134.4** |

L-ispiża tas-servizz kurrenti naqset fl-2016 għal €106.0 miljun (2015: €121.9 miljun) l-aktar minħabba ż-żieda fir-rata ta' skont minn 2% fl-2014 għal 2.5% fl-2015.[39]

## Tibdil fl-obbligu tal-benefiċċji definiti, assi tal-iskema u riżultati tal-kalkoli ġodda

It-tibdil fil-valur attwali tal-obbligu tal-benefiċċji definiti jidher hawn taħt:

| | 2016 Staff € miljuni | 2016 Bordijiet € miljuni | 2016 Total € miljuni | 2015 Staff € miljuni | 2015 Bordijiet € miljuni | 2015 Total € miljuni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Obbligu tal-ftuħ tal-benefiċċji definiti | 1,116.7 | 24.1 | 1,140.8 | 1,087.1 | 24.5 | 1,111.6 |
| Spiża tas-servizz kurrenti | 104.4 | 1.6 | 106.0 | 120.0 | 1.9 | 121.9 |
| Spiża tal-imgħax fuq l-obbligu | 29.1 | 0.6 | 29.8 | 22.9 | 0.5 | 23.4 |
| Kontribuzzjonijiet li tħallsu mill-parteċipanti fl-iskema | 19.5 | 0.2 | 19.8 | 21.7 | 0.2 | 21.9 |
| Benefiċċji li tħallsu | (8.6) | (0.8) | (9.5) | (7.5) | (0.8) | (8.3) |
| (Qligħ)/telf bil-kalkoli ġodda | 100.2 | 1.9 | 102.1 | (127.5) | (2.2) | (129.7) |
| **Obbligu tal-għeluq tal-benefiċċji definiti** | **1,361.3** | **27.7** | **1,388.9** | **1,116.7** | **24.1** | **1,140.8** |

It-telf bil-kalkoli ġodda ta' €102.1 miljun għall-2016 fuq l-obbligu tal-benefiċċji definiti kien dovut primarjament għat-tnaqqis fir-rata ta' skont minn 2.5% fl-2015 għal 2% fl-2016.

39 L-ispiża tas-servizz kurrenti tiġi kalkulata bir-rata ta' skont li kienet tapplika fis-sena ta' qabel.

It-tibdil fl-2016 fil-valur ġust tal-assi tal-iskema fl-istruttura tal-benefiċċji definiti fir-rigward tal-istaff jidher hawn taħt:

| | 2016<br>€ miljuni | 2015<br>€ miljuni |
|---|---|---|
| Valur ġust tal-ftuħ tal-assi tal-iskema | 755.3 | 651.9 |
| Dħul mill-imgħax fuq l-assi tal-iskema | 19.5 | 13.4 |
| Qligħ bil-kalkoli ġodda | 44.7 | 26.8 |
| Kontribuzzjonijiet li tħallsu minn min iħaddem | 45.0 | 46.9 |
| Kontribuzzjonijiet li tħallsu mill-parteċipanti fl-iskema | 19.5 | 21.7 |
| Benefiċċji li tħallsu | (6.0) | (5.4) |
| **Valur ġust tal-għeluq tal-assi tal-iskema** | **878.0** | **755.3** |

Il-qligħ bil-kalkoli ġodda fuq l-assi tal-iskema fl-2016 u fl-2015 kien jirrifletti l-fatt li r-redditi attwali mill-unitajiet tal-fondi kienu ogħla mid-dħul mill-imgħax kalkulat fuq l-assi tal-iskema.

Fl-2016, bħala segwitu għal valutazzjoni tal-finanzjament tal-iskema tal-pensjonijiet tal-istaff li saret mill-attwarji tal-BĊE fil-31 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li, fost l-oħrajn (a) iwaqqaf il-kontribuzzjonijiet supplimentari annwali tal-BĊE ta' €6.8 miljun u (b) iżid minn Settembru 2016 il-kontribuzzjonijiet tal-BĊE għall-iskema tal-pensjonijiet tal-istaff minn 19.5% għal 20.7% tas-salarju bażiku.[40] Dawn id-deċiżjonijiet wasslu għal tnaqqis nett fil-kontribuzzjonijiet totali mħallsin mill-BĊE fl-2016, minkejja ż-żieda fl-għadd ta' membri fl-iskema (ara n-nota 28 "Spejjeż tal-istaff").

It-tibdil fl-2016 fir-riżultati tal-kalkoli ġodda (ara n-nota 14 "Kontijiet ta' rivalutazzjoni") jidher hawn taħt:

| | 2016<br>€ miljuni | 2015<br>€ miljuni |
|---|---|---|
| Qligħ/(telf) tal-ftuħ bil-kalkoli ġodda | (148.4) | (305.6) |
| Kontribuzzjonijiet mill-banek ċentrali nazzjonali li jissieħbu fl-Eurosistema [41] | 0.0 | (1.8) |
| Dħul mill-assi tal-iskema | 44.7 | 26.8 |
| Qligħ/(telf) fuq l-obbligu | (102.1) | 129.7 |
| Telf li jidher fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf | 0.7 | 2.5 |
| **Telf tal-għeluq bil-kalkoli ġodda inkluż fil-"Kontijiet ta' rivalutazzjoni"** | **(205.1)** | **(148.4)** |

## Ipotesijiet ewlenin

Fit-tħejjija tal-valutazzjonijiet imsemmijin f'din in-nota, l-attwarji użaw ipotesijiet li ġew aċċettati mill-Bord Eżekuttiv għall-għanijiet tal-kontabilità u l-pubblikazzjoni. L-

40 Barra minn hekk, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jżid ir-rata tal-kontribuzzjoni mħallsa mill-istaff tal-BĊE minn 6.7% għal 7.4% tas-salarju bażiku.

41 Malli l-Litwanja adottat il-munita unika, Lietuvos bankas ikkontribwixxa għall-bilanċi tal-kontijiet ta' rivalutazzjoni kollha tal-BĊE b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2015. It-telf pendenti bil-kalkoli ġodda li kien inkluż fil-kontijiet ta' rivalutazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2014 wassal għal tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet totali ta' Lietuvos bankas.

ipotesijiet ewlenin li ntużaw biex tiġi kalkulata l-obbligazzjoni tal-iskema tal-benefiċċji jidhru hawn taħt:

| | 2016<br>% | 2015<br>% |
|---|---|---|
| Rata ta' skont | 2.00 | 2.50 |
| Redditu mistenni mill-assi tal-iskema [42] | 3.00 | 3.50 |
| Żidiet ġenerali fis-salarji tal-ġejjieni [43] | 2.00 | 2.00 |
| Żidiet fil-pensjoni tal-ġejjieni [44] | 1.40 | 1.40 |

Barra minn hekk, il-kontribuzzjonijiet volontarji li saru mill-istaff fi struttura ta' kontribuzzjonijiet definiti fl-2016 kienu ta' €133.2 miljun (2015: €123.3 miljun). Dawn il-kontribuzzjonijiet jiġu investiti fl-assi tal-iskema iżda jwasslu wkoll għal obbligu korrispondenti b'valur ekwivalenti.

## 13 Provedimenti

Din il-partita tikkonsisti fil-parti l-kbira minn provediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb.

Il-provediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb jintuża safejn jitqies meħtieġ mill-Kunsill Governattiv biex jagħmel tajjeb għal telf realizzat u mhux realizzat fil-ġejjieni, b'mod partikolari telf fil-valutazzjoni li jaqbeż il-kontijiet ta' rivalutazzjoni rispettivi. Id-daqs u r-rekwiżit kontinwu ta' dan il-provediment jiġu eżaminati kull sena, skont il-valutazzjoni tal-BĊE tal-iskopertura tiegħu għal dawn ir-riskji filwaqt li titqies firxa ta' fatturi. Id-daqs tal-provediment, flimkien ma' kull ammont miżmum fil-fond ġenerali tar-riżervi, m'għandux jaqbeż il-valur tal-kapital tal-BĊE mħallas mill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro.

Fil-31 ta' Diċembru 2016 il-provediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb kien ta' €7,619,884,851, l-istess bħalma kien fl-2015. Dan l-ammont jikkorrispondi għall-valur tal-kapital tal-BĊE mħallas mill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro f'dik id-data.

[42] Dawn l-ipotesijiet intużaw fil-kalkolu tal-parti tal-obbligu tal-benefiċċji definiti tal-BĊE li hija finanzjata minn assi b'garanzija ta' kapital ta' bażi.

[43] Barra dan, saret konċessjoni għal żidiet prospettivi fis-salarji individwali ta' mhux aktar minn 1.8% fis-sena, skont l-età tal-parteċipanti fl-iskema.

[44] Skont ir-regoli tal-iskema tal-pensjoni tal-BĊE, il-pensjonijiet għandhom jiżdiedu kull sena. Jekk l-aġġustamenti ġenerali fis-salarji tal-impjegati tal-BĊE jkunu inqas mill-inflazzjoni tal-prezzijiet, kull żieda fil-pensjonijiet għandha tkun konformi mal-aġġustamenti ġenerali fis-salarji. Jekk l-aġġustamenti ġenerali fis-salarji jaqbżu l-inflazzjoni tal-prezzijiet, dawn jiġu applikati biex tiġi kalkulata ż-żieda fil-pensjonijiet, sakemm il-pożizzjoni finanzjarja tal-iskemi tal-pensjoni tal-BĊE tkun tiflaħ għal żieda bħal din.

# 14 Kontijiet ta’ rivalutazzjoni

Il-parti l-kbira ta’ din il-partita tikkonsisti f’bilanċi ta’ rivalutazzjoni mill-qligħ mhux realizzat fuq assi, obbligazzjonijiet u strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ (ara “Għarfien tad-dħul”, “Assi u obbligazzjonijiet f’deheb u f’munita barranija”, “Titoli” u “Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ” fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità). Il-partita tinkludi wkoll il-kalkoli ġodda tal-obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti tal-BĊE fir-rigward tal-benefiċċji ta’ wara l-impjieg (ara “Skemi tal-pensjoni tal-BĊE, benefiċċji oħra ta’ wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul” fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità u n-nota 12.3 “Varji”).

| | 2016<br>€ | 2015<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Deheb | 13,926,380,231 | 11,900,595,095 | 2,025,785,136 |
| Munita barranija | 14,149,471,665 | 12,272,562,352 | 1,876,909,313 |
| Titoli u strumenti oħra | 755,494,021 | 808,078,836 | (52,584,815) |
| Obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti fir-rigward tal-benefiċċji ta’ wara l-impjieg | (205,078,109) | (148,413,109) | (56,665,000) |
| **Total** | **28,626,267,808** | **24,832,823,174** | **3,793,444,634** |

Iż-żieda fid-daqs tal-kontijiet ta’ rivalutazzjoni hija dovuta għad-deprezzament tal-euro mad-deheb, id-dollaru Amerikan u l-yen Ġappuniż fl-2016.

Ir-rati tal-kambju użati għar-rivalutazzjoni tal-aħħar tas-sena jidhru hawn taħt:

| Rati tal-kambju | 2016 | 2015 |
|---|---|---|
| Dollari Amerikani għal kull euro | 1.0541 | 1.0887 |
| Yen Ġappuniżi għal kull euro | 123.40 | 131.07 |
| Euro għal kull SDR | 1.2746 | 1.2728 |
| Euro għal kull uqija fina ta’ deheb | 1,098.046 | 973.225 |

# 15 Kapital u riżervi

## 15.1 Kapital

Il-kapital sottoskritt tal-BĊE huwa ta’ €10,825,007,069. Il-kapital imħallas mill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro u dawk barra ż-żona tal-euro huwa ta’ €7,740,076,935.

Il-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro ħallsu s-sehem sħiħ tagħhom tal-kapital sottoskritt li, mill-1 ta’ Jannar 2015, kien ta’ €7,619,884,851, kif jidher fit-tabella.[45]

[45] L-ammonti individwali huma mqarrbin sal-eqreb euro. Għalhekk it-totali fit-tabelli ta’ din nota għandhom mnejn ma jaqblux minħabba t-tqarrib.

| | Skema tal-kapital mill-<br>1 ta' Jannar 2015[46]<br>% | Kapital imħallas mill-<br>1 ta' Jannar 2015<br>€ |
|---|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 2.4778 | 268,222,025 |
| Deutsche Bundesbank | 17.9973 | 1,948,208,997 |
| Eesti Pank | 0.1928 | 20,870,614 |
| Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland | 1.1607 | 125,645,857 |
| Bank of Greece | 2.0332 | 220,094,044 |
| Banco de España | 8.8409 | 957,028,050 |
| Banque de France | 14.1792 | 1,534,899,402 |
| Banca d'Italia | 12.3108 | 1,332,644,970 |
| Central Bank of Cyprus | 0.1513 | 16,378,236 |
| Latvijas Banka | 0.2821 | 30,537,345 |
| Lietuvos bankas | 0.4132 | 44,728,929 |
| Banque centrale du Luxembourg | 0.2030 | 21,974,764 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 0.0648 | 7,014,605 |
| De Nederlandsche Bank | 4.0035 | 433,379,158 |
| Oesterreichische Nationalbank | 1.9631 | 212,505,714 |
| Banco de Portugal | 1.7434 | 188,723,173 |
| Banka Slovenije | 0.3455 | 37,400,399 |
| Národná banka Slovenska | 0.7725 | 83,623,180 |
| Suomen Pankki – Finlands Bank | 1.2564 | 136,005,389 |
| **Total** | **70.3915** | **7,619,884,851** |

Il-banek ċentrali nazzjonali barra ż-żona tal-euro huma mitlubin iħallsu 3.75% tal-kapital sottoskritt tagħhom bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż operazzjonali tal-BĊE. Din il-kontribuzzjoni kienet ta' €120,192,083 fi tmiem l-2016, l-istess bħall-2015. Il-banek ċentrali nazzjonali barra ż-żona tal-euro mhuma intitolati jirċievu ebda sehem mill-qligħ tal-BĊE li jitqassam, inkluż id-dħul mill-allokazzjoni ta' karti tal-euro fi ħdan l-Eurosistema, u lanqas m'għandhom l-obbligu li jagħmlu tajjeb għal xi telf li jġarrab il-BĊE.

Il-banek ċentrali nazzjonali barra ż-żona tal-euro ħallsu l-ammonti li ġejjin:

[46] L-ishma tal-banek ċentrali nazzjonali individwali fl-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE nbidlu l-aħħar fl-1 ta' Jannar 2014. Madankollu, fl-1 ta' Jannar 2015, minħabba d-dħul tal-Litwanja fiż-żona tal-euro, il-piż totali tal-iskema tal-kapital tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fil-kapital globali tal-BĊE żdied, filwaqt li l-piż totali tal-iskema tal-kapital tal-banek ċentrali nazzjonali barra ż-żona tal-euro naqas. Ma sar ebda tibdil fl-2016.

| | Skema tal-kapital mill-<br>1 ta’ Jannar 2015<br>% | Kapital imħallas mill-<br>1 ta’ Jannar 2015<br>€ |
|---|---|---|
| Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) | 0.8590 | 3,487,005 |
| Česká národní banka | 1.6075 | 6,525,450 |
| Danmarks Nationalbank | 1.4873 | 6,037,512 |
| Hrvatska narodna banka | 0.6023 | 2,444,963 |
| Magyar Nemzeti Bank | 1.3798 | 5,601,129 |
| Narodowy Bank Polski | 5.1230 | 20,796,192 |
| Banca Naţională a României | 2.6024 | 10,564,124 |
| Sveriges riksbank | 2.2729 | 9,226,559 |
| Bank of England | 13.6743 | 55,509,148 |
| **Total** | **29.6085** | **120,192,083** |

# Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ

## 16 Programmi ta' self ta' titoli

Bħala parti mill-ġestjoni tal-fondi proprji, il-BĊE għandu ftehim fuq programm ta' self ta' titoli li bih istituzzjoni speċjalizzata tagħmel tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli f'isem il-BĊE.

Barra minn hekk, skont id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Governattiv, il-BĊE għamel disponibbli għas-self l-investimenti tiegħu f'titoli akkwistati fl-ewwel, it-tieni u t-tielet programm ta' xiri ta' bonds garantiti, kif ukoll l-investimenti tiegħu f'titoli akkwistati fil-PSPP u dawk mixtrijin fl-SMP li huma eliġibbli wkoll għall-akkwist fil-PSPP.[47]

Jekk ma jibqax kollateral fi flus kontanti mhux investit fi tmiem is-sena, l-operazzjonijiet ta' self ta' titoli relatati jidħlu fil-kontijiet esklużi mill-karta tal-bilanċ.[48] Operazzjonijiet ta' self ta' titoli bħal dawn, b'valur ta' €10.9 biljun (2015: €4.5 biljun) kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2016. Minn dan l-ammont, €3.9 biljun (2015: €0.3) kien relatat għas-self ta' titoli miżmumin għall-għanijiet tal-politika monetarja.

## 17 *Futures* tar-rati tal-imgħax

Fil-31 ta' Diċembru 2016 dawn it-tranżazzjonijiet f'munita barranija, li jidhru bir-rati tas-suq tal-aħħar tas-sena, kienu pendenti:

| ***Futures* tar-rati tal-imgħax f'munita barranija** | **2016 Valur tal-kuntratt €** | **2015 Valur tal-kuntratt €** | **Bidla €** |
|---|---|---|---|
| Xiri | 558,770,515 | 694,406,172 | (135,635,657) |
| Bejgħ | 2,258,798,975 | 690,554,100 | 1,568,244,875 |

Dawn it-tranżazzjonijiet saru fl-ambitu tal-ġestjoni tar-riżervi barranin tal-BĊE.

## 18 *Swaps* tar-rati tal-imgħax

Tranżazzjonijiet *swap* tar-rati tal-imgħax b'valur nozzjonali ta' €378.3 miljun (2015: €274.5 miljun) li jidhru bir-rati tas-suq ta' tmiem is-sena kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2016. Dawn it-tranżazzjonijiet saru fl-ambitu tal-ġestjoni tar-riżervi barranin tal-BĊE.

47 Il-BĊE ma jixtrix titoli fis-CSPP u għalhekk m'għandux investimenti relatati disponibbli għas-self.

48 Jekk kollateral fi flus kontanti jibqa' mhux investit fi tmiem is-sena, dawn it-tranżazzjonijiet jidħlu f'kontijiet inklużi fil-karti tal-bilanċ (ara n-nota 8 "Obbligazzjonijiet oħra ma' istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona tal-euro denominati f'euro" u n-nota 10 "Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'euro").

# 19 Tranżazzjonijiet *swap* u *forward* tal-kambju

## Ġestjoni tar-riżervi barranin

Saru tranżazzjonijiet *swap* u *forward* tal-kambju fl-2016 fl-ambitu tal-ġestjoni tar-riżervi barranin tal-BĊE. Il-klejms u l-obbligazzjonijiet li rriżultaw minn dawn it-tranżazzjonijiet li kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2016 qegħdin jidhru bir-rati tas-suq ta' tmiem is-sena kif ġej:

| Tranżazzjonijiet *swap* u *forward* tal-kambju | 2016<br>€ | 2015<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Klejms | 3,123,544,615 | 2,467,131,004 | 656,413,611 |
| Obbligazzjonijiet | 2,855,828,167 | 2,484,517,472 | 371,310,695 |

## Operazzjonijiet għall-provediment ta' likwidità

Klejms u obbligazzjonijiet f'dollari Amerikani b'data ta' ħlas fl-2017 saru fir-rigward tal-provediment ta' likwidità f'dollari Amerikani lil kontropartijiet tal-Eurosistema (ara n-nota 10 "Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'euro").

# 20 Amministrazzjoni ta' operazzjonijiet ta' self

Fl-2016 il-BĊE kompla jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet ta' self tal-UE permezz tal-faċilità tal-assistenza finanzjarja għal żmien medju, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja, il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) kif ukoll għall-ftehim fuq il-faċilità tas-self lill-Greċja. Fl-2016 il-BĊE proċessa l-ħlasijiet relatati ma' dawn l-operazzjonijiet kif ukoll il-ħlasijiet fis-sura ta' sottoskrizzjonijiet tal-membri għall-kapital awtorizzat f'ishma tal-MES.

# 21 Obbligazzjonijiet kontinġenti minn kawżi pendenti

Saru erba' kawżi kontra l-BĊE u istituzzjonijiet oħra tal-UE minn għadd ta' depożitanti, azzjonisti u detenturi ta' bonds ta' istituzzjonijiet ta' kreditu Ċiprijotti. Ir-rikorrenti allegaw li ġarrbu telf finanzjarju minħabba azzjonijiet li huma kkunsidraw li wasslu għar-ristrutturar ta' dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward tal-programm ta' assistenza finanzjarja għal Ċipru. Il-Qorti Ġenerali tal-UE sabet 12-il każ simili li ma kinux ammissibbli fis-sħuħija tagħhom fl-2014. Saru appelli kontra tmienja minn dawn id-deċiżjonijiet u fl-2016 il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew ikkonfermat l-inammissibbiltà tal-każijiet jew qatgħetha favur il-BĊE f'dawn l-appelli. L-involviment tal-BĊE fil-proċess li wassal għall-konklużjoni tal-programm ta' assistenza finanzjarja kien limitat għall-għoti ta' pariri tekniċi, skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll għall-ħruġ ta' opinjoni mhix vinkolanti fuq l-abbozz ta' liġi ta'

riżoluzzjoni Ċiprijotta. Għalhekk qiegħed jitqies li l-BĊE ma huwa se jġarrab ebda telf b'konsegwenza ta' dawn il-kawżi.

# Noti fuq il-Kont tal-Qligħ u t-Telf

## 22 Dħul nett mill-imgħax

### 22.1 Dħul mill-imgħax fuq assi f'riżervi barranin

Din il-partita tinkludi d-dħul mill-imgħax, bl-ispiża tal-imgħax imnaqqsa, fir-rigward tal-assi netti f'riżervi barranin tal-BĊE, kif jidher hawn taħt:

| | 2016<br>€ | 2015<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Dħul mill-imgħax fuq kontijiet kurrenti | 1,499,288 | 552,459 | 946,829 |
| Dħul mill-imgħax fuq depożiti fis-suq monetarju | 18,095,835 | 6,306,443 | 11,789,392 |
| Dħul mill-imgħax/(spejjeż tal-imgħax) fuq ftehim ta' riakkwist | (34,017) | 38,311 | (72,328) |
| Dħul mill-imgħax fuq ftehim riversjat ta' riakkwist | 12,745,338 | 2,920,201 | 9,825,137 |
| Dħul mill-imgħax fuq titoli | 304,958,993 | 261,121,900 | 43,837,093 |
| Dħul mill-imgħax/(spejjeż tal-imgħax) fuq *swaps* tar-rati tal-imgħax | 19,080 | (861,355) | 880,435 |
| Dħul mill-imgħax fuq tranżazzjonijiet *forward* u *swap* f'muniti barranin | 33,157,253 | 13,127,982 | 20,029,271 |
| **Dħul mill-imgħax fuq assi f'riżervi barranin (nett)** | **370,441,770** | **283,205,941** | **87,235,829** |

Iż-żieda totali fid-dħul nett mill-imgħax fl-2016 kienet dovuta l-aktar għal dħul ogħla mill-imgħax iġġenerat mill-portafoll tad-dollaru Amerikan.

### 22.2 Dħul mill-imgħax fuq l-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema

Din il-partita tikkonsisti fid-dħul mill-imgħax relatat mas-sehem ta' 8% tal-BĊE mill-ħruġ totali ta' karti tal-euro (ara "Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità u n-nota 5.1 "Klejms relatati mal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema"). Minkejja żieda ta' 4.7% fil-valur medju tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni, kien hemm tnaqqis fid-dħul fl-2016 minħabba l-fatt li r-rata medja tal-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament kienet iżjed baxxa milli kienet fl-2015 (0.01% fl-2016 imqabbla ma' 0.05% fl-2015).

### 22.3 Remunerazzjoni ta' klejms ta' banek ċentrali nazzjonali fir-rigward ta' riżervi barranin trasferiti

Ir-remunerazzjoni mħallsa lill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fuq il-klejms tagħhom fir-rigward tal-assi f'rizervi barranin trasferiti lill-BĊE (ara n-nota 11.1 "Obbligazzjonijiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin") tidher f'din l-intestatura. It-tnaqqis f'din ir-remunerazzjoni fl-2016 jirrifletti l-fatt li r-rata medja tal-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament kienet iżjed baxxa milli kienet fl-2015.

### 22.4 Dħul ieħor mill-imgħax; u spejjeż oħra tal-imgħax[49]

Fl-2016 dawn il-partiti kienu jikkonsistu l-aktar fi dħul nett mill-imgħax ta' €1.0 biljun (2015: €0.9 biljun) fuq titoli akkwistati mill-BĊE għall-għanijiet tal-politika monetarja. Minn dan l-ammont, €0.5 biljun (2015: €0.6 biljun) kellhom x'jaqsmu ma' dħul nett mill-imgħax fuq titoli akkwistati fl-SMP u €0.4 biljun (2015: €0.2 biljun) kellhom x'jaqsmu ma' dħul nett mill-imgħax fuq titoli akkwistati fl-APP.

Il-bqija ta' dawn il-partiti kienet tikkonsisti l-aktar fi dħul u spejjeż tal-imgħax fuq il-portafoll tal-fondi proprji tal-BĊE (ara n-nota 6.2 "Assi finanzjarji oħra") u fuq bilanċi varji oħra li jrendu l-imgħax.

## 23 Qligħ/telf realizzat minn operazzjonijiet finanzjarji

Il-qligħ nett realizzat minn operazzjonijiet finanzjarji fl-2016 jidher hawn taħt:

| | 2016<br>€ | 2015<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Qligħ nett realizzat mill-prezzijiet | 159,456,244 | 175,959,137 | (16,502,893) |
| Qligħ nett realizzat mir-rata tal-kambju u l-prezz tad-deheb | 65,085,498 | 38,474,593 | 26,610,905 |
| **Qligħ nett realizzat minn operazzjonijiet finanzjarji** | **224,541,742** | **214,433,730** | **10,108,012** |

Il-qligħ nett realizzat minn prezzijiet jiġbor fih il-qligħ u t-telf realizzat mit-titoli, mill-*futures* tar-rati tal-imgħax u mis-*swaps* tar-rati tal-imgħax. It-tnaqqis fil-qligħ nett realizzat mill-prezzijiet fl-2016 kien dovut l-aktar għal tnaqqis fil-qligħ realizzat mill-prezzijiet iġġenerat minn titoli fil-portafoll tad-dollaru Amerikan.

Iż-żieda globali fil-qligħ nett realizzat mir-rata tal-kambju u l-prezz tad-deheb kienet dovuta l-aktar għal flussi esterni f'investimenti f'SDR fir-rigward tad-dispożizzjoni ta' xiri u bejgħ reċiproku ta' SDR mal-FMI (ara n-nota 2.1 "Ammonti riċevibbli mill-FMI").

## 24 Valutazzjoni negattiva ta' assi u pożizzjonijiet finanzjarji

Il-valutazzjoni negattiva ta' assi u pożizzjonijiet finanzjarji fl-2016 tidher hawn taħt:

[49] B'seħħ mill-2016 id-dħul mill-imgħax u l-ispiża tal-imgħax minn titoli miżmumin għall-għanijiet tal-politika monetarja qegħdin jiġu rappurtati netti, jew fi "Dħul ieħor mill-imgħax" jew fi "Spejjeż oħra tal-imgħax", skont jekk l-ammont nett ikunx pożittiv jew negattiv (ara "Riklassifikazzjonijiet" fin-noti fuq il-politika tal-kontabilità).

| | 2016<br>€ | 2015<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Telf mhux realizzat mill-prezz tat-titoli | (148,159,250) | (63,827,424) | (84,331,826) |
| Telf mhux realizzat mill-prezz tas-*swaps* tar-rati tal-imgħax | - | (223,892) | 223,892 |
| Telf mhux realizzat mir-rata tal-kambju | (12,760) | (1,901) | (10,859) |
| **Valutazzjoni negattiva totali** | **(148,172,010)** | **(64,053,217)** | **(84,118,793)** |

Il-valutazzjoni negattiva ogħla mqabbla mal-2015 kienet dovuta l-aktar għal renditi tas-suq ogħla tat-titoli miżmumin fil-portafoll tad-dollaru Amerikan flimkien mat-tnaqqis globali fil-valur tas-suq tagħhom.

## 25 Dħul nett/spiża netta minn tariffi u kummissjonijiet

| | 2016<br>€ | 2015<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Dħul minn tariffi u kummissjonijiet | 382,191,051 | 277,324,169 | 104,866,882 |
| Spejjeż relatati ma' tariffi u kummissjonijiet | (10,868,282) | (8,991,908) | (1,876,374) |
| **Dħul nett minn tariffi u kummissjonijiet** | **371,322,769** | **268,332,261** | **102,990,508** |

Fl-2016 id-dħul f'din l-intestatura kien jikkonsisti l-aktar f'tariffi superviżorji. L-ispejjeż kienu jikkonsistu l-aktar f'tariffi ta' kustodja kif ukoll tariffi pagabbli lill-maniġers tal-assi esterni li jakkwistaw titoli koperti b'assi eliġibbli fuq struzzjonijiet espliċiti ta', u f'isem, l-Eurosistema.

### *Dħul u spejjeż relatati ma' kompiti superviżorji*

F'Novembru 2014 il-BĊE ħa f'idejh il-kompiti superviżorji tiegħu skont l-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kunsill 1024/2013/UE tal-15 ta' Ottubru 2013. Biex jirkupra l-ispiża mġarrba għat-twettiq ta' dawn il-kompiti, il-BĊE jimponi tariffi annwali fuq l-entitajiet taħt superviżjoni. Il-BĊE ħabbar f'April 2016 li t-tariffi superviżorji annwali għall-2016 kellhom ikunu ta' €404.5 miljun.[50] Dan l-ammont kien bażat fuq spiża annwali kalkulata għall-2016 ta' €423.2 miljun, wara li saru aġġustamenti (i) għas-serplas tat-tariffi superviżorji ta' €18.9 miljun li ġie impost fl-2015; (ii) għall-ammonti rimborżati minħabba tibdil fl-għadd jew l-istatus tal-entitajiet taħt superviżjoni[51] (€0.3 miljun); u (iii) għall-imgħax ta' €0.1 miljun impost għal ħlasijiet li daħlu tard fl-2015.

Abbażi tal-ispiża attwali tal-BĊE għall-kompiti superviżorji bankarji, id-dħul mit-tariffi superviżorji għall-2016 kien ta' €382.2 miljun.

---

50 Dan l-ammont ġie invojsjat f'Ottubru 2016 biex jitħallas sat-18 ta' Novembru 2016.

51 Abbażi tal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji (BĊE/2014/41), f'każijiet fejn (i) entità jew grupp taħt superviżjoni jkunu taħt superviżjoni għal parti biss mill-perjodu tariffarju jew (ii) l-istatus ta' entità jew grupp taħt superviżjoni jinbidel minn sinifikanti għal inqas sinifikanti, jew bil-maqlub, it-tariffi superviżorji individwali jiġu emendati. Ammonti simili li jkunu daħlu jew li jkunu ġew rimborżati jitqiesu fil-kalkolu tat-total tat-tariffi superviżorji annwali li jkun se jiġi impost fis-snin ta' wara.

| | 2016<br>€ | 2015<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Tariffi superviżorji | 382,151,355 | 277,086,997 | 105,064,358 |
| *li minnhom:* | | | |
| *Tariffi allokati lil entitajiet jew gruppi sinifikanti* | *338,418,328* | *245,620,964* | *92,797,364* |
| *Tariffi allokati lil entitajiet jew gruppi inqas sinifikanti* | *43,733,027* | *31,466,033* | *12,266,994* |
| **Dħul totali mill-kompiti tas-superviżjoni bankarja** | **382,151,355** | **277,086,997** | **105,064,358** |

Is-serplas ta' €41.1 miljun mid-differenza bejn l-ispiża kalkulata (€423.2 miljun) u l-ispiża attwali (€382.2 miljun) għall-2016 tidher fl-intestatura "Dovuti u dħul miġbur bil-quddiem" (ara n-nota 12.2 "Dovuti u dħul miġbur bil-quddiem"). Dan se jnaqqas it-tariffi superviżorji li se jinġabru fl-2017.

Barra minn hekk, il-BĊE għandu dritt jimponi multi jew ħlasijiet ta' penali perjodiċi fuq impriżi li ma jikkonformawx mal-obbligi skont ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet tiegħu. Fl-2016 ma ġiet imposta ebda multa jew penali ta' din ix-xorta.

In-nefqa marbuta mal-MSU tirriżulta mis-superviżjoni diretta ta' entitajiet sinifikanti, is-sorveljanza tas-superviżjoni ta' entitajiet inqas sinifikanti u t-twettiq ta' kompiti orizzontali u servizzi speċjalizzati. Tinkludi wkoll l-ispiża li toriġina mill-oqsma ta' sostenn, fosthom il-bini, il-ġestjoni tar-riżorsi umani, is-servizzi amministrattivi, il-baġit u l-kontroll, il-kontabilità, is-servizzi legali, il-verifika interna, is-servizzi tal-istatistika u t-teknoloġija tal-informatika meħtieġa biex jitwettqu r-responsabbiltajiet superviżorji tal-BĊE.

Għall-2016 din l-ispiża nqasmet f'dawn l-intestaturi:

| | 2016<br>€ | 2015<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Salarji u benefiċċji | 180,655,666 | 141,262,893 | 39,392,773 |
| Kiri u manutenzjoni ta' bini | 58,103,644 | 25,513,220 | 32,590,424 |
| Spejjeż oħra tal-operat | 143,392,045 | 110,310,884 | 33,081,161 |
| **Spiża totali relatata mal-kompiti tas-superviżjoni bankarja** | **382,151,355** | **277,086,997** | **105,064,358** |

Iż-żieda fit-total ta' membri tal-istaff tal-BĊE li qegħdin jaħdmu fis-superviżjoni bankarja, ir-rilokazzjoni għal bini ġdid u l-provediment ta' infrastruttura tal-istatistika u tal-IT għat-twettiq tal-kompiti superviżorji kkontribwew għaż-żieda fl-ispiża totali tal-MSU għall-2016.

## 26 Dħul mill-ishma u l-parteċipazzjoni azzjonarja

Id-dividendi li daħlu mill-ishma li l-BĊE għandu fil-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BIS) (ara n-nota 6.2 "Assi finanzjarji oħra") jidhru f'din l-intestatura.

## 27 Dħul ieħor

Dħul ieħor varju fl-2016 ġie l-aktar mill-kontribuzzjonijiet dovuti tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro għall-ispejjeż imġarrbin mill-BĊE fir-rigward ta' proġetti konġunti mal-Eurosistema.

## 28 Spejjeż tal-istaff

Iż-żieda fil-medja tal-għadd ta' staff impjegat mill-BĊE fl-2016 wasslet għal żieda globali fl-ispejjeż tal-istaff. Din iż-żieda ġiet paċuta parzjalment minn tnaqqis fl-ispiża netta fir-rigward tal-benefiċċji ta' wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul.

Is-salarji, l-*allowances*, l-assigurazzjoni tal-istaff u spejjeż oħra varji ta' €349.5 miljun (2015: €306.4 miljun) huma inklużi f'din l-intestatura. F'din il-partita jidher ukoll ammont ta' €117.0 miljun (2015: €134.4 miljun) rikonoxxut fir-rigward tal-iskemi tal-pensjoni tal-BĊE, benefiċċji oħra ta' wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul (ara n-nota 12.3 "Varji").

Is-salarji u l-*allowances*, fosthom id-dħul ta' dawk li għandhom kariga maniġerjali għolja, fil-qofol tagħhom huma bażati fuq l-iskema ta' remunerazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u huma komparabbli magħha.

Il-membri tal-Bord Eżekuttiv u l-membri tal-Bord Superviżorju impjegati mill-BĊE jirċievu salarju bażiku, filwaqt li l-membri *part-time* tal-Bord Superviżorju impjegati mill-BĊE jieħdu remunerazzjoni addizzjonali skont l-għadd ta' laqgħat li jattendu. Barra minn hekk, il-membri tal-Bord Eżekuttiv u l-membri *full-time* tal-Bord Superviżorju impjegati mill-BĊE jirċievu *allowances* addizzjonali għar-residenza u r-rappreżentanza. Fil-każ tal-President, minflok il-benefiċċju għar-residenza tiġi provduta residenza uffiċjali li hija proprjetà tal-BĊE. Bla ħsara għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Istaff tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-membri taż-żewġ bordijiet huma intitolati għal benefiċċji tal-familja, tat-tfal u tal-edukazzjoni, skont iċ-ċirkostanzi individwali tagħhom. Is-salarji huma suġġetti għat-taxxa li tmur għall-benefiċċju tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għal tnaqqis fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet għall-iskemi tal-pensjoni, tal-assigurazzjoni medika u tal-assigurazzjoni kontra l-inċidenti. L-*allowances* la huma taxxabbli u lanqas pensjonabbli.

Fl-2016 is-salarji bażiċi tal-membri tal-Bord Eżekuttiv u l-membri tal-Bord Superviżorju impjegati mill-BĊE (i.e. barra r-rappreżentanti tas-superviżuri nazzjonali) kienu dawn:[52]

[52] L-ammonti jidhru grossi, i.e. qabel it-tnaqqis ta' taxxi għall-benefiċċju tal-Unjoni Ewropea.

| | 2016<br>€ | 2015<br>€ |
|---|---|---|
| Mario Draghi (President) | 389,760 | 385,860 |
| Vítor Constâncio (Viċi President) | 334,080 | 330,744 |
| Peter Praet (Membru tal-Bord) | 277,896 | 275,604 |
| Benoît Cœuré (Membru tal-Bord) | 277,896 | 275,604 |
| Yves Mersch (Membru tal-Bord) | 277,896 | 275,604 |
| Sabine Lautenschläger (Membru tal-Bord) | 277,896 | 275,604 |
| **Total Bord Eżekuttiv** | **1,835,424** | **1,819,020** |
| **Total Bord Superviżorju (membri impjegati mill-BĊE)** [53] | **631,254** | **635,385** |
| *li minnu:* | | |
| *Danièle Nouy (President tal-Bord Superviżorju)* | 277,896 | 275,604 |
| **Total** | **2,466,678** | **2,454,405** |

Barra minn hekk, ir-remunerazzjoni addizzjonali tal-membri *part-time* tal-Bord Superviżorju kienet ta' €343,341 (2015: €352,256).

L-*allowances* totali li tħallsu lill-membri taż-żewġ bordijiet u l-kontribuzzjonijiet tal-BĊE f'isimhom għall-iskemi tal-assigurazzjoni medika u kontra l-inċidenti telgħu għal €807,475 (2015: €625,021). F'Diċembru 2015 il-Kunsill Governattiv ħa d-deċiżjoni li, għall-membri tal-istaff u l-membri tal-Bord li joħorġu l-ispiża sħiħa tal-kopertura tal-assigurazzjoni medika privata, il-BĊE kellu jħallas ammont ekwivalenti għall-kontribuzzjoni li kien joħroġ kieku l-individwi kienu membri tal-iskema medika tal-BĊE. Barra minn hekk, ir-regola tinkludi klawsola retroattiva għal ħlasijiet tal-assigurazzjoni medika mill-1 ta' Jannar 2013. Minħabba din il-klawsola, il-ħlasijiet ta' *allowances* fl-2017 huma mistennijin ikunu inqas milli fl-2016.

Jistgħu jsiru ħlasijiet tranżitorji lil dawk li kienu membri tal-Bord Eżekuttiv u l-Bord Superviżorju għal perjodu limitat wara tmiem il-mandat tagħhom. Ma sarux pagamenti simili fl-2016. Il-ħlasijiet tal-pensjoni, fosthom l-*allowances* relatati, lil dawk li kienu membri tal-bordijiet jew lid-dipendenti tagħhom u l-kontribuzzjonijiet għall-iskemi tal-assigurazzjoni medika u kontra l-inċidenti telgħu għal €834,668 (2015: €783,113).

Fi tmiem l-2016 l-għadd attwali ekwivalenti għal staff *full-time* b'kuntratti mal-BĊE kien ta' 3,171,[54] fosthom 320 f'pożizzjoni maniġerjali. Il-bidla fl-għadd tal-istaff matul l-2016 tidher hawn taħt:

53 Dan it-total ma jinkludix is-salarju ta' Sabine Lautenschläger, li jiġi rappurtat ma' dawk tal-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv.

54 Il-membri tal-istaff b'lif bla ħlas huma esklużi. Dan l-għadd jinkludi staff b'kuntratti permanenti, fissi jew qosra u l-parteċipanti fil-Programm tal-BĊE għall-Gradwati. Membri tal-istaff b'lif tal-maternità jew lif għal mard fit-tul huma inklużi wkoll.

| | 2016 | 2015 |
|---|---|---|
| Total ta' staff fl-1 ta' Jannar (barra dawk li bdew ġodda fl-1 ta' Jannar) | 2,871 | 2,577 |
| Impjegati ġodda/bidla fl-istatus kuntrattwali | 725 | 648 |
| Riżenji/tmiem ta' kuntratti | (380) | (299) |
| Żieda netta/(tnaqqis nett) minħabba tibdil fix-xejriet tax-xogħol *part-time* | (45) | (55) |
| **Total ta' membri tal-istaff fil-31 ta' Diċembru** | **3,171** | **2,871** |
| **Medja tal-għadd ta' membri tal-istaff impjegati** | **3,007** | **2,722** |

## 29 Spejjeż amministrattivi

Dawn ikopru l-ispejjeż kurrenti l-oħra kollha relatati mal-kiri u l-manutenzjoni ta' bini, prodotti u tagħmir ta' natura mhux kapitali, tariffi professjonali, u servizzi u provvisti oħra, flimkien ma' spejjeż relatati mal-istaff, fosthom ir-reklutaġġ, ir-rilokazzjoni, l-impjieg, it-taħriġ u t-trasferiment tal-istaff meta jerġa' lura f'pajjiżu.

## 30 Servizzi tal-produzzjoni tal-karti tal-flus

Din l-ispiża hija marbuta l-aktar mal-ġarr transkonfinali ta' karti tal-euro bejn l-istamperiji tal-karti tal-flus u l-banek ċentrali nazzjonali għall-kunsinna ta' karti tal-flus ġodda, u bejn il-banek ċentrali nazzjonali, biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' provvista b'ħażniet ġodda. Dawn l-ispejjeż jitħallsu ċentralment mill-BĊE.

Building a better
working world

Ernst & Young GmbH
Wirtschaftsprüfungsgesellschaft
Mergenthalerallee 3-5
65760 Eschborn/Frankfurt/M.
Postfach 53 23
65728 Eschborn/Frankfurt/M.

Claus-Peter Wagner
Managing Partner Financial Services
Telefon +49 6196 996 26512
Telefax +49 181 3943 26512
claus-peter.wagner@de.ey.com
www.de.ey.com

President and Governing Council
of the European Central Bank
Frankfurt am Main

8 February 2017

Independent auditor's report

*Opinion*
We have audited the financial statements of the European Central Bank, which comprise the balance sheet as at 31 December 2016, the profit and loss account for the year then ended, and a summary of significant accounting policies and other explanatory notes.
In our opinion, the accompanying financial statements of the European Central Bank give a true and fair view of the financial position of the European Central Bank as at 31 December 2016 and of the results of its operations for the year then ended, in accordance with the principles established by the Governing Council, which are laid down in Decision (EU) 2016/2247 of the ECB of 3 November 2016 on the annual accounts of the ECB (ECB/2016/35).

*Basis for Opinion*
We conducted our audit in accordance with International Standards on Auditing (ISAs). Our responsibilities under those standards are further described in the Auditor's Responsibilities for the Audit of the Financial Statements section of our report. We are independent of the European Central Bank in accordance with the German ethical requirements that are relevant to our audit of the financial statements, which are consistent with the International Ethics Standards Board for Accountants' Code of Ethics for Professional Accountants (IESBA Code) and we have fulfilled our other ethical responsibilities in accordance with these requirements. We believe that the audit evidence we have obtained is sufficient and appropriate to provide a basis for our opinion.

*Responsibilities of the European Central Bank's Executive Board and Those Charged with Governance for the Financial Statements*
The Executive Board is responsible for the preparation and fair presentation of the financial statements in accordance with the principles established by the Governing Council, which are laid down in Decision (EU) 2016/2247 of the ECB of 3 November 2016 on the annual accounts of the ECB (ECB/2016/35), and for such internal control as the Executive Board determines is necessary to enable the preparation of financial statements that are free from material misstatement, whether due to fraud or error.
In preparing the financial statements, the Executive Board is responsible for using the going concern basis of accounting in accordance with Article 4 of the applicable Decision (ECB/2016/35).
Those charged with governance are responsible for overseeing the European Central Bank's financial reporting process.

*Auditor's Responsibilities for the Audit of the Financial Statements*
Our objectives are to obtain reasonable assurance about whether the financial statements as a whole are free from material misstatement, whether due to fraud or error, and to issue an auditor's report that includes our opinion. Reasonable assurance is a high level of assurance, but is not a guarantee that an audit conducted in accordance with ISAs will always detect a material misstatement when it exists. Misstatements can arise from fraud or error and are considered material if, individually or in the aggregate, they could reasonably be expected to influence the economic decisions of users taken on the basis of these financial statements.

Independent Member of Ernst & Young Global Limited
Chairman of the Board: WP/StB Georg Graf Waldersee - Board of Management: WP/StB Hubert Barth, Chairman
WP/StB Ute Benzel - Ana-Cristina Grohnert - WP/StB Alexander Kron - WP/StB Mathieu Meyer
CPA Julie Linn Teigland - WP/StB Claus-Peter Wagner - WP/StB Prof. Dr. Peter Wollmert
Registered Office : Stuttgart - Legal Form: GmbH - Amtsgericht Stuttgart HRB 730277 - VAT: DE 147799609

As part of an audit in accordance with ISAs, we exercise professional judgment and maintain professional skepticism throughout the audit. We also:

- Identify and assess the risks of material misstatement of the financial statements, whether due to fraud or error, design and perform audit procedures responsive to those risks, and obtain audit evidence that is sufficient and appropriate to provide a basis for our opinion. The risk of not detecting a material misstatement resulting from fraud is higher than for one resulting from error, as fraud may involve collusion, forgery, intentional omissions, misrepresentations, or the override of internal control.
- Obtain an understanding of internal control relevant to the audit in order to design audit procedures that are appropriate in the circumstances, but not for the purpose of expressing an opinion on the effectiveness of the entity's internal control.
- Evaluate the appropriateness of accounting policies used and the reasonableness of accounting estimates and related disclosures made by management.
- Conclude on the appropriateness of management's use of the going concern basis of accounting and, based on the audit evidence obtained, whether a material uncertainty exists related to events or conditions that may cast significant doubt on the entity's ability to continue as a going concern. If we conclude that a material uncertainty exists, we are required to draw attention in our auditor's report to the related disclosures in the financial statements or, if such disclosures are inadequate, to modify our opinion. Our conclusions are based on the audit evidence obtained up to the date of our auditor's report.
- Evaluate the overall presentation, structure and content of the financial statements, including the disclosures, and whether the financial statements represent the underlying transactions and events in a manner that achieves fair presentation

We communicate with those charged with governance regarding, among other matters, the planned scope and timing of the audit and significant audit findings, including any significant deficiencies in internal control that we identify during our audit.
We also provide those charged with governance with a statement that we have complied with relevant ethical requirements regarding independence, and to communicate with them all relationships and other matters that may reasonably be thought to bear on our independence, and where applicable, related safeguards.

Yours sincerely,

Ernst & Young GmbH
Wirtschaftsprüfungsgesellschaft

| | |
|---|---|
| Claus-Peter Wagner<br>Wirtschaftsprüfer | Victor Veger<br>Certified Public Accountant |

Ernst & Young GmbH
Wirtschaftsprüfungsgesellschaft
Mergenthalerallee 3-5
65760 Eschborn/Frankfurt/M.
Postfach 53 23
65728 Eschborn/Frankfurt/M.

Claus-Peter Wagner
Managing Partner Financial Services
Telefon +49 6196 996 26512
Telefax +49 181 3943 26512
claus-peter.wagner@de.ey.com
www.de.ey.com

*Il-BĊE qiegħed jipprovdi din il-paġna bħala traduzzjoni ta' kortesija tar-rapport tal-awditur estern tal-BĊE. Fil-każ ta' diskrepanza, tirbaħ il-verżjoni bl-Ingliż iffirmata minn EY.*

Il-President u l-Kunsill Governattiv
tal-Bank Ċentrali Ewropew
Frankfurt am Main

8 ta' Frar 2017

Rapport tal-awditur indipendenti

*Opinjoni*
Aħna vverifikajna r-rendikonti finanzjarji tal-Bank Ċentrali Ewropew, li jikkonsistu fil-karta tal-bilanċ tal-31 ta' Diċembru 2016, il-kont tal-qligħ u t-telf għas-sena li għalqet dakinhar, u ġabra fil-qosor tal-politika tal-kontabilità sinifikanti u noti oħra ta' tifsir.
Fl-opinjoni tagħna, dawn ir-rendikonti finanzjarji tal-Bank Ċentrali Ewropew jagħtu stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-31 ta' Diċembru 2016 u tar-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu għas-sena li għalqet dakinhar, skont il-prinċipji stabbiliti mill-Kunsill Governattiv, li huma stipulati fid-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 tal-BĊE tat-3 ta' Novembru 2016 dwar il-kontijiet annwali tal-BĊE (BĊE/2016/35).

*Bażi għall-Opinjoni*
Aħna għamilna l-verifika tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika (ISAs). Ir-responsabbiltajiet tagħna skont dawn l-istandards huma mfissrin bir-reqqa fit-taqsima Responsabbiltajiet tal-Awditur għall-Verifika tar-Rendikonti Finanzjarji tar-rapport tagħna. Aħna indipendenti mill-Bank Ċentrali Ewropew skont ir-rekwiżiti Ġermaniżi tal-etika li huma rilevanti għall-verifika tagħna tar-rendikonti finanzjarji, li huma konsistenti mal-*International Ethics Standards Board for Accountants' Code of Ethics for Professional Accountants* (il-Kodiċi IESBA), u ssodisfajna r-responsabbiltajiet etiċi l-oħra tagħna skont dawn ir-rekwiżiti. Aħna tal-fehma li l-evidenza tal-verifika li ksibna hija biżżejjed u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna.

*Responsabbiltajiet tal-Bord Eżekuttiv u ta' Dawk Inkarigati mill-Governanza għar-Rendikonti Finanzjarji tal-Bank Ċentrali Ewropew*
Il-Bord Eżekuttiv huwa responsabbli għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tar-rendikonti finanzjarji skont il-prinċipji stabbiliti mill-Kunsill Governattiv, li huma stipulati fid-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 tal-BĊE tat-3 ta' Novembru 2016 dwar il-kontijiet annwali tal-BĊE (BĊE/2016/35), u għall-kontroll intern li l-Bord Eżekuttiv iqis bħala meħtieġ biex tkun tista' ssir it-tħejjija tar-rendikonti finanzjarji ħielsa minn kull dikjarazzjoni materjali falza, kemm minħabba frodi jew żbalji.
Fit-tħejjija tar-rendikonti finanzjarji, il-Bord Eżekuttiv huwa responsabbli biex juża l-bażi ta' negozju avvjat tal-kontabilità skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni applikabbli (BĊE/2016/35).
Dawk inkarigati mill-governanza huma responsabbli għas-sorveljanza tal-proċess tar-rappurtar finanzjarju tal-Bank Ċentrali Ewropew.

*Responsabbiltajiet tal-Awditur għall-Verifika tar-Rendikonti Finanzjarji*
L-għanijiet tagħna huma li niksbu ċertezza raġonevoli fuq jekk ir-rendikonti finanzjarji kollha humiex ħielsa minn kull dikjarazzjoni materjali falza, kemm minħabba frodi jew żbalji, u li noħorġu rapport tal-awditur li jkun fih l-opinjoni tagħna. Iċ-ċertezza raġonevoli hija livell għoli ta' ċertezza, iżda mhijiex garanzija li verifika li ssir skont l-ISAs dejjem se tidentifika dikjarazzjoni materjali falza meta din teżisti. Id-dikjarazzjonijiet foloz jistgħu joriġinaw minn frodi jew żbalji u jitqiesu li jkunu materjali jekk, individwalment jew flimkien, ikunu mistennijin b'mod raġonevoli li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ekonomiċi tal-utenti li jsiru abbażi ta' dawn ir-rendikonti finanzjarji.

Bħala parti minn verifika skont l-ISAs, aħna neżerċitaw ġudizzju professjonali u nżommu xettiċiżmu professjonali matul il-verifika. Aħna wkoll:

- Nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' kull dikjarazzjoni materjali falza tar-rendikonti finanzjarji, kemm minħabba frodi jew żbalji, infasslu u nwettqu proċeduri tal-verifika li jwieġbu għal dawn ir-riskji, u niksbu evidenza tal-verifika li tkun biżżejjed u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Ir-riskju li ma tiġix identifikata dikjarazzjoni materjali falza li tirriżulta minn frodi huwa ogħla minn waħda li tirriżulta minn żbalji, billi frodi tista' tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonati, rappreżentazzjonijiet ħżiena, jew it-twarrib tal-kontroll intern.
- Naslu biex nifhmu aħjar x'inhu l-kontroll intern rilevanti għall-verifika sabiex infasslu proċeduri tal-verifika li jkunu xierqa fiċ-ċirkostanzi, iżda mhux biex nesprimu opinjoni fuq l-effikaċja tal-kontroll intern tal-entità.

- Nivvalutaw kemm tkun xierqa l-politika tal-kontabilità li tintuża u kemm ikunu raġonevoli l-kalkoli tal-kontabilità u d-divulgazzjonijiet relatati li jsiru mill-maniġment.
- Nikkonkludu fuq kemm ikun xieraq l-użu min-naħa tal-maniġment tal-bażi ta' negozju avvjat tal-kontabilità u, abbażi tal-evidenza tal-verifika miksuba, jekk ikunx jeżisti nuqqas ta' ċertezza materjali relatat mal-avvenimenti jew il-kundizzjonijiet li jista' jixħet dubju sinifikanti fuq il-kapaċità tal-entità li tkompli bħala negozju avvjat. Jekk nikkonkludu li jeżisti nuqqas ta' ċertezza materjali, aħna nkunu obbligati niġbdu l-attenzjoni fir-rapport tagħna tal-awditur għad-divulgazzjonijiet relatati fir-rendikonti finanzjarji jew, jekk dawn id-divulgazzjonijiet ma jkunux adegwati, li nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bażati fuq l-evidenza tal-verifika miksuba sad-data tar-rapport tagħna tal-awditur.
- Nivvalutaw il-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut ġenerali tar-rendikonti finanzjarji, fosthom id-divulgazzjonijiet, u jekk ir-rendikonti finanzjarji jirrappreżentawx it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti ta' bażi b'mod li jwassal għal preżentazzjoni ġusta.

Aħna nikkomunikaw ma' dawk inkarigati mill-governanza fir-rigward ta', fost affarijiet oħra, l-ambitu u ż-żmien ippjanat tal-verifika u l-konklużjonijiet sinifikanti tal-verifika, inklużi xi nuqqasijiet sinifikanti fil-kontroll intern li nidentifikaw matul il-verifika tagħna.
Aħna nipprovdu wkoll lil dawk inkarigati mill-governanza b'dikjarazzjoni li nkunu kkonformajna mar-rekwiżiti etiċi rilevanti fir-rigward tal-indipendenza, u li nikkomunikaw magħhom ir-relazzjonijiet kollha u affarijiet oħra li jistgħu jitqiesu b'mod raġonevoli li jolqtu l-indipendenza tagħna, u fejn huwa applikabbli, is-salvagwardji relatati.

Dejjem tagħkom,

Ernst & Young GmbH
Wirtschaftsprüfungsgesellschaft

| | |
|---|---|
| Claus-Peter Wagner | Victor Veger |
| *Wirtschaftsprüfer* | *Certified Public Accountant* |

# Nota fuq it-tqassim tal-qligħ / l-allokazzjoni tat-telf

*Din in-nota mhijiex parti mir-rendikonti finanzjarji tal-BĊE għas-sena 2016.*

Skont l-Artikolu 33 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-qligħ nett tal-BĊE għandu jiġi trasferit f'din l-ordni:

(a) ammont li għad irid jiġi deċiż mill-Kunsill Governattiv, li m'għandux jaqbeż 20% tal-qligħ nett, għandu jiġi trasferit fil-fond ġenerali tar-riżervi, sa limitu ekwivalenti għal 100% tal-kapital; u

(b) il-bqija tal-qligħ nett għandu jitqassam lill-azzjonisti tal-BĊE fil-proporzjon tal-ishma mħallsin tagħhom. [55]

Fil-każ ta' telf imġarrab mill-BĊE, l-iżbilanċ jista' jitpaċa mill-fond ġenerali tar-riżervi tal-BĊE u, jekk ikun meħtieġ, wara deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv, mid-dħul monetarju tas-sena finanzjarja rilevanti fil-proporzjon u mhux iżjed mill-ammonti allokati lill-banek ċentrali nazzjonali skont l-Artikolu 32.5 tal-Istatut tas-SEBĊ.[56]

Il-qligħ nett tal-BĊE għall-2016 kien ta' €1,193.1 miljun. Wara deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv, it-tqassim tal-qligħ interim ta' €966.2 miljun tħallas lill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fil-31 ta' Jannar 2017. Barra minn hekk, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jqassam il-bqija tal-qligħ ta' €226.9 miljun lill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro.

| | 2016<br>€ | 2015<br>€ |
|---|---|---|
| Qligħ għas-sena | 1,193,108,250 | 1,081,790,763 |
| Tqassim tal-qligħ interim | (966,234,559) | (812,134,494) |
| Qligħ wara t-tqassim tal-qligħ interim | 226,873,691 | 269,656,269 |
| Tqassim tal-bqija tal-qligħ | (226,873,691) | (269,656,269) |
| **Total** | **0** | **0** |

55 Il-banek ċentrali nazzjonali barra ż-żona tal-euro ma huma intitolati jirċievu ebda sehem mill-qligħ tal-BĊE li jista' jitqassam u lanqas ma huma obbligati jagħmlu tajjeb għal xi telf tal-BĊE.

56 Skont l-Artikolu 32.5 tal-Istatut tas-SEBĊ, is-somma tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali għandha tiġi allokata lill-banek ċentrali nazzjonali fil-proporzjon tal-ishma mħallsin tagħhom fil-kapital tal-BĊE.

**© Bank Ċentrali Ewropew, 2017**

Indirizz postali 60640 Frankfurt am Main, il-Ġermanja
Telefon +49 69 1344 0
Websajt www.ecb.europa.eu

Id-drittijiet kollha miżmumin. Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa sakemm jissemma s-sors.

ISSN 2443-4914
ISBN 978-92-899-2906-6
DOI 10.2866/0
Nru tal-katalgu tal-UE QB-BS-17-001-MT-N